Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2072(INI)

13.6.2025

EMENDI
1 - 459

Abbozz ta' rapport
Jorge Martín Frías
(PE772.123v01-00)

L-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups
(2025/2072(INI))

Emenda 1
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),	***imħassar***

Or. en

Emenda 2
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tat-18 ta' Lulju 2024 mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen bit-titolu "L-Għażla Quddiem l-Ewropa – Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029",

Or. en

Emenda 3
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tad-9 ta' Settembru 2024 ta' Mario Draghi bit-titolu "The future of European

competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) (ir-rapport Draghi),

Or. en

Emenda 4
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tas-17 ta' April 2024 ta' Enrico Letta bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) (ir-rapport Letta),

Or. en

Emenda 5
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Christian Noyer tal-25 ta' April 2024 bit-titolu "Developing European capital markets to finance the future" (L-iżvilupp tas-swieq kapitali Ewropej għall-finanzjament tal-futur),

Or. en

Emenda 6
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro f'format inklużiv dwar il-futur tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tal-11 ta' Marzu 2024,

Or. en

Emenda 7
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1f (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali ta' livell għoli ta' Mejju 2024 b'segwitu għad-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro dwar il-futur tas-CMU f'format inklużiv tal-Grupp tal-Euro,

Or. en

Emenda 8
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1g (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024,

Or. en

Emenda 9
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1h (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tal-25 ta' April 2024 bit-titolu "How European insurers and pension funds can contribute to further strengthen the Capital Markets Union" (Kif l-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet Ewropej jistgħu jikkontribwixxu biex ikomplu jsaħħu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali),

Or. en

Emenda 10
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1i (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ta' Mejju 2024 bit-titolu "Building more effective and attractive capital markets in the EU" (Nibnu swieq kapitali aktar effettivi u attraenti fl-UE),

Or. en

Emenda 11
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 1j (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Marzu 2024 dwar l-avvanz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali,

Or. en

Emenda 12
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1k (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2025 bit-titolu "Boxxla għall-Kompetittività tal-UE" (COM(2025)0030),

Or. en

Emenda 13
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1l (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu "Survey on the access to finance of enterprises in the euro area – First Quarter of 2025" (Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi fiż-żona tal-euro – L-ewwel trimestru tal-2025), ippubblikat f'April 2025,

Or. en

Emenda 14
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1m (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti – Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)0124),

Or. en

Emenda 15
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1n (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2025 bit-titolu "L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups - Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju" (COM(2025)0270),

Or. en

Emenda 16
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1o (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Survey on the access to finance of enterprises (SAFE) – Analytical report 2024" (Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi (SAFE) – Rapport analitiku 2024), ippubblikat f'Jannar 2025,

Or. en

Emenda 17
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1p (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Annual Report on European SMEs 2023/2024" (Rapport Annwali għall-2023/2024 dwar l-SMEs Ewropej),

Or. en

Emenda 18
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1q (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2023 dwar żieda fl-innovazzjoni u fil-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu,

Or. en

Emenda 19
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1r (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2023 bit-titolu "Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs" (COM(2023)0535),

Or. en

Emenda 20
Damian Boeselager

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1s (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar żvilupp ulterjuri tas-CMU: titjib tal-aċċess għall-finanzjament fis-swieq kapitali, b'mod partikolari mill-SMEs, u żieda ulterjuri fil-parteċipazzjoni tal-investituri fil-livell tal-konsumatur[1a],
	[1a] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 89.

Or. en

Emenda 21
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1t (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali,

Or. en

Emenda 22
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1u (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Or. en

Emenda 23
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1v (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

Or. en

Emenda 24
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Budapest adottata fit-8 ta' Novembru 2024 fil-laqgħa informali tal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern,	***imħassar***

Or. en

Emenda 25
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tat-18 ta' Lulju 2024 mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen bit-titolu "L-Għażla Quddiem l-Ewropa – Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029",	***imħassar***

Or. en

Emenda 26
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu "Survey on the access to finance of enterprises in the euro area – First Quarter of 2025" (Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi fiż-żona tal-euro – L-ewwel trimestru tal-2025), ippubblikat f'April 2025,	***imħassar***

Or. en

Emenda 27
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025 bit-titolu "Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti – Strateġija biex Jissaħħu l-Ġid taċ-Ċittadini u l-Kompetittività Ekonomika fl-UE" (COM(2025)0124),	***imħassar***

Or. en

Emenda 28
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2025 bit-titolu "L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups: Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju" COM(2025)0270 final,

Or. en

Emenda 29
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2025 bit-titolu "Is-Suq Uniku: is-suq domestiku Ewropew tagħna f'dinja inċerta - Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu" (COM(2025)0500 final),

Or. en

Emenda 30
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Survey on the access to finance of enterprises (SAFE) – Analytical report 2024" (Stħarriġ dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi (SAFE) – Rapport analitiku 2024), ippubblikat f'Jannar 2025,	***imħassar***

Or. en

Emenda 31
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ta' Mario Draghi bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività fl-Ewropa) (ir-rapport Draghi), ippubblikat f'Settembru 2024,	***imħassar***

Or. en

Emenda 32
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2024 bit-titolu "Annual Report on European SMEs 2023/2024" (Rapport Annwali għall-2023/2024 dwar l-SMEs Ewropej),	***imħassar***

Or. en

Emenda 33
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport ta' Enrico Letta bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar minn suq) (ir-rapport Letta), ippubblikat f'April 2024,	***imħassar***

Or. en

Emenda 34
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill	***imħassar***

Ewropew tas-17 u t-18 ta' April 2024,

Or. en

Emenda 35
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2023 dwar żieda fl-innovazzjoni u fil-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu[1],	***imħassar***

[1] ĠU C, C/2024/4182, 2.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4182/oj.

Or. en

Emenda 36
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2023 bit-titolu "Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs" (COM(2023)0535),	***imħassar***

Or. en

Emenda 37

Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,	***imħassar***

Or. en

Emenda 38
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),	***imħassar***

Or. en

Emenda 39
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Fond Monetarju Internazzjonali dwar il-Prospettiva Ekonomika Reġjonali għall-Ewropa ta' Ottubru 2024,

Or. en

Emenda 40

Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups li ġiet ippubblikata fit-28 ta' Mejju 2025,

Or. en

Emenda 41
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Mejju 2025 bit-titolu "Is-Suq Uniku: is-suq domestiku Ewropew tagħna f'dinja inċerta - Strateġija biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu",

Or. en

Emenda 42
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) jirrappreżentaw is-sinsla tan-negozju Ewropew, u l-SMEs jirrappreżentaw 99,8 % tal-intrapriżi kollha, 65,2 % tal-impjiegi u 53,1 % tal-valur miżjud fis-settur tan-negozju mhux	***imħassar***

finanzjarju fl-UE fl-2023[2];

[2] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Or. en

Emenda 43
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) jirrappreżentaw is-sinsla tan-negozju Ewropew, u l-SMEs jirrappreżentaw 99,8 % tal-intrapriżi kollha, 65,2 % tal-impjiegi u 53,1 % tal-valur miżjud fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju fl-UE fl-2023[2];	***imħassar***

[2] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Or. en

Emenda 44
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi skont id-definizzjoni attwalment użata mill-Unjoni Ewropea, l-SMEs huma aktar minn 23 miljun u jirrappreżentaw aktar minn 99 % tan-negozji attivi fit-territorju u jimpjegaw bejn 90 u 100 miljun persuna, u għalhekk għandhom rwol kritiku fir-reżiljenza ekonomika, il-koeżjoni reġjonali u l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 45
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tiegħu għat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi, huwa meħtieġ li jiġi promoss ambjent regolatorju stabbli u favorevoli għall-investiment privat, u li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' Unjoni integrata tat-tfaddil u l-investiment;

Or. es

Emenda 46
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija tagħna, peress li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-UE, jimpjegaw madwar 100 miljun

	persuna u jirrappreżentaw aktar minn nofs il-Prodott Domestiku Gross tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 47
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-UE kollha kemm hi - u speċjalment l-akbar ekonomiji tagħha - bħalissa qed tesperjenza tnaqqis sinifikanti fir-ritmu ekonomiku u problemi għall-kompaniji li qed jitilfu l-kompetittività għall-benefiċċju taċ-Ċina u l-Istati Uniti;

Or. en

Emenda 48
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post, fis-sjieda u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 49
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post, fis-sjieda u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 50
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post, fis-sjieda u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;	B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post, ***fis-settur,*** fis-sjieda***, fil-ħtiġijiet ta' finanzjament*** u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;

Or. es

Emenda 51
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post, fis-sjieda u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;	B. billi l-SMEs Ewropej ivarjaw fl-ambitu, fil-post***, fil-mudell kummerċjali***, fis-sjieda u fil-kapaċità tal-innovazzjoni, u b'hekk jiffaċċjaw diversi sfidi u ħtiġijiet ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 52
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi d-definizzjoni użata mill-Unjoni Ewropea biex tiddefinixxi l-SMEs ma tirriflettix ir-realtà tas-suq, peress li tpoġġi taħt l-istess definizzjoni negozji tal-familja u kumpaniji b'250 impjegat u fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun, jew total tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jaqbiżx EUR 43 miljun, u dan jikkawża nuqqas ta' protezzjoni għall-SMEs "veri";

Or. en

Emenda 53
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-istart-ups u l-iscale-ups innovattivi spiss ikunu aktar aġli biex jipprovdu soluzzjonijiet u teknoloġiji ġodda biex jindirizzaw il-ħtiġijiet imminenti relatati ma' livell baxx ta' karbonizzazzjoni u azzjoni ambjentali, u b'hekk joffru perkors sinifikanti ta' kompetittività u tkabbir għal ħafna kumpaniji ġodda;

Or. en

Emenda 54
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi raġuni importanti għaliex l-Unjoni Ewropea għadha lura meta mqabbla mal-kompetituri Ċiniżi u Amerikani tagħha hija d-diffikultà għan-negozji tagħha biex jiżguraw il-finanzjament, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jeħtieġu espansjoni biex jikbru;

Or. en

Emenda 55
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-biċċa l-kbira tal-SMEs Ewropej joperaw prinċipalment fil-livell nazzjonali; billi fil-fatt huma relattivament ftit l-SMEs involuti f'operazzjonijiet transfruntieri fi ħdan l-UE, filwaqt li dawk li jesportaw barra l-Unjoni jirrappreżentaw minoranza;

Or. en

Emenda 56
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-SMEs fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment diffiċli bħala riżultat tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-

konsegwenzi ekonomiċi tagħha;

Or. en

Emenda 57
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi r-restrizzjonijiet matul il-pandemija tal-COVID-19 laqtu lill-SMEs b'mod partikolarment iebes, u l-konsegwenzi tagħhom għadhom evidenti;

Or. en

Emenda 58
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs u jirrakkomanda li l-SMEs jiġu eżentati mir-regolamenti għal raġunijiet ta' proporzjonalità;	***imħassar***

Or. en

Emenda 59
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-pożijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs u jirrakkomanda li l-SMEs jiġu eżentati mir-regolamenti għal raġunijiet ta' proporzjonalità;	***imħassar***

Or. en

Emenda 60
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs u jirrakkomanda li l-SMEs ***jiġu eżentati mir-regolamenti*** għal raġunijiet ta' proporzjonalità;	C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs u jirrakkomanda li l-SMEs ***jitnaqqsilhom il-piż regolatorju*** għal raġunijiet ta' proporzjonalità***, dejjem fi ħdan qafas li joħloq ċertezza u stabbiltà għalihom***;

Or. es

Emenda 61
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs ***u jirrakkomanda li l-SMEs jiġu eżentati mir-regolamenti għal raġunijiet ta' proporzjonalità***;	C. billi r-rapport Draghi jindika li l-ostakli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi huma fost l-akbar sfidi li jiffaċċjaw l-SMEs;

Or. en

Emenda 62
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi, skont il-Bank Ċentrali Ewropew, madwar 80 % tal-finanzjament estern tal-kumpaniji Ewropej ġej mill-banek, meta mqabbel ma' 20 % mis-swieq kapitali; billi fl-Istati Uniti, 30 % biss tas-self kummerċjali jiġi mill-banek, filwaqt li 70 % huwa ffinanzjat permezz ta' swieq kapitali bħal bonds korporattivi jew ħruġ ta' ekwità;

Or. en

Emenda 63
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-mobilizzazzjoni akbar tal-finanzjament privat tirrikjedi passi differenti bħall-aċċelerazzjoni tal-aġenda tas-CMU, b'enfasi fuq it-titjib tal-aċċess għall-kapital ta' riskju u l-finanzjament tal-ekwità, b'mod partikolari għall-kumpaniji innovattivi;

Or. en

Emenda 64
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi skont ir-rapport Draghi, aktar minn 60 % tal-kumpaniji tal-UE jqisu r-regolamentazzjoni bħala ostaklu għall-investiment, u 55 % tal-SMEs jindikaw li l-ostakli regolatorji u l-piż amministrattiv bħala l-akbar sfida tagħhom;

Or. en

Emenda 65
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-istartups u l-mikrointrapriżi b'mod partikolari jsibuha diffiċli jiksbu finanzjament xieraq u jidentifikaw u jissodisfaw ir-rekwiżiti finanzjarji regolatorji b'mod speċjali fl-istadju tal-iżvilupp;

Or. en

Emenda 66
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi d-deregolamentazzjoni ma ġġibx vantaġġi għall-SMEs billi tippermetti lill-akbar kumpaniji u lill-kumpaniji l-aktar aggressivi fis-suq joħonqu lill-kumpaniji iżgħar;

Or. en

Emenda 67
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi qafas regolatorju aktar sempliċi, prevedibbli u kompetittiv huwa kruċjali biex l-SMEs jirnexxu f'ekonomija tas-suq;

Or. es

Emenda 68
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-biċċa l-kbira tal-finanzjament tal-SMEs fl-UE huwa pprovdut mill-banek;

Or. en

Emenda 69
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs sabiex iżżid l-iskala, tnaqqas l-ineffiċjenzi u tippromwovi l-interoperabbiltà, u stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-piżijiet ta' rapportar għall-SMEs, u ħabbret kontroll	***imħassar***

ġdid tal-kompetittività tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt;

Or. en

Emenda 70
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs sabiex iżżid l-iskala, tnaqqas l-ineffiċjenzi u tippromwovi l-interoperabbiltà, u stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-piżijiet ta' rapportar għall-SMEs, u ħabbret kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt;	***imħassar***

Or. en

Emenda 71
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs sabiex iżżid l-iskala, tnaqqas l-ineffiċjenzi u tippromwovi l-interoperabbiltà, u stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-piżijiet ta' rapportar għall-SMEs, u ħabbret kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt;	D. billi l-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs***, speċjalment dak privat,*** sabiex iżżid l-iskala, tnaqqas l-ineffiċjenzi***, tnaqqas id-dipendenza qawwija fuq id-dejn*** u tippromwovi l-interoperabbiltà, u stabbiliet mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-piżijiet ta' rapportar għall-SMEs, u ħabbret kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs fil-valutazzjonijiet tal-impatt;

Or. es

Emenda 72
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi ekosistema ta' kapital ta' riskju żviluppata sew, li għadha nieqsa fl-UE, tista' trawwem start-ups innovattivi u tipprovdi l-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups biex jikbru u jsiru kompetittivi;

Or. en

Emenda 73
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-pożijiet ta' rapportar li bħalissa jeħtieġ li jitnaqqsu biex jiġu protetti l-SMEs ġew introdotti bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-kunċett skreditat ta' tmexxija ekoloġika tal-UE;

Or. en

Emenda 74
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi x-xenarju attwali tal-investiment fl-UE huwa frammentat, b'disparitajiet sinifikanti fl-aċċess għall-

finanzjament privat, b'mod partikolari għall-kumpaniji innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir;

Or. en

Emenda 75
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa minn korporazzjonijiet multinazzjonali li jisfruttaw reġimi tat-taxxa nazzjonali differenti joħolqu kompetizzjoni inġusta li tiegħed fi żvantaġġ lill-SMEs Ewropej;

Or. en

Emenda 76
Jorge Martín Frías, Enikő Győri, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-Kummissjoni Ewropea ppubblikat strateġija għall-istart-ups u l-iscale-ups;

Or. es

Emenda 77
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-iscale-ups u l-SMEs innovattivi huma essenzjali biex l-UE ssir kompetittiva f'setturi strateġiċi, inklużi t-teknoloġiji diġitali, it-teknoloġija nadifa u l-kapaċitajiet tad-difiża;

Or. en

Emenda 78
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Ewropa ma għandhiex ambjent aktar dinamiku u favorevoli għall-kumpaniji innovattivi biex jespandu, u dan iwassal biex kważi 30 % tal-"unicorns" jirrilokaw barra mill-pajjiż[3];	***imħassar***
[3] Mario Draghi, "The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe" (Il-futur tal-Kompetittività Ewropea – Strateġija għall-kompetittività għall-Ewropa), 2024.	

Or. en

Emenda 79
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Ewropa ma għandhiex ambjent aktar dinamiku u favorevoli għall-kumpaniji innovattivi biex	***imħassar***

jespandu, u dan iwassal biex kważi 30 % tal-“unicorns” jirrilokaw barra mill-pajjiż[3];

[3] Mario Draghi, “The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe” (Il-futur tal-Kompetittività Ewropea – Strateġija għall-kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. en

Emenda 80
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-Ewropa ma għandhiex ambjent aktar dinamiku u favorevoli għall-kumpaniji innovattivi biex jespandu, u dan ***iwassal biex kważi 30 % tal-“unicorns” jirrilokaw barra mill-pajjiż[3]***;	E. billi l-Ewropa ma għandhiex ambjent aktar dinamiku u favorevoli għall-kumpaniji innovattivi biex jespandu, u dan ***wassal għall-ħolqien ta’ 147 unicorn fl-Ewropa bejn l-2008 u l-2021, skont ir-rapport Draghi, li minnhom 40 ressqu s-sede tagħhom f’pajjiżi terzi, l-aktar fl-Istati Uniti; billi huwa stmat li l-burokrazija fl-Ewropa tiswa madwar 150 biljun euro (1,3 % tal-PDG annwali), u l-FMI jistma li l-frammentazzjoni tas-suq intern hija ekwivalenti għal dazju ta’ 100 %***;

[3] Mario Draghi, “The future of European competitiveness – A competitiveness strategy for Europe” (Il-futur tal-Kompetittività Ewropea – Strateġija għall-kompetittività għall-Ewropa), 2024.

Or. es

Emenda 81
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-istart-ups u l-iscale-ups huma kkaratterizzati minn riżorsi limitati tal-persunal u kapaċità komparattivament limitata biex jikkonformaw ma' reġimi regolatorji jew proċeduri ta' finanzjament kumplessi; billi l-ħtiġijiet tan-negozju u l-isfidi speċifiċi tagħhom spiss ikunu ta' natura differenti minn dawk ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) stabbiliti;

Or. en

Emenda 82
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-rapport Draghi jidentifika defiċit strutturali fid-diffużjoni tat-teknoloġija u l-innovazzjoni intermedja fl-ekonomija Ewropea, li jaffettwa b'mod partikolari lill-SMEs u jillimita l-kapaċità tagħhom li jespandu; billi r-rapport jenfasizza li l-biċċa l-kbira tal-investiment fil-kompetittività jrid jiġi mis-settur privat;

Or. es

Emenda 83
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi r-rapport josserva li l-ebda

kumpanija fl-Unjoni b'kapitalizzazzjoni fis-suq ogħla minn EUR 100 biljun ma nħolqot bħala entità ġdida f'dawn l-aħħar 50 sena, filwaqt li fl-istess perjodu, sitt kumpaniji tal-Istati Uniti b'valur ta' aktar minn triljun dollaru nħolqu fl-Istati Uniti;

Or. es

Emenda 84
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Grupp tal-BEI jinkludi l-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI); billi l-BEI huwa l-akbar istituzzjoni finanzjarja multilaterali fid-dinja u għandu rwol kritiku fil-finanzjament ta' proġetti li jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 85
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-SMEs huma vulnerabbli b'mod sproporzjonat għal xokkijiet esterni, bħall-kriżijiet finanzjarji, l-instabbiltà ġeopolitika, jew it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, iżda huma atturi essenzjali biex jixprunaw tkabbir inklużiv u sostenibbli;

Or. en

Emenda 86
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi, skont il-Prospettiva Ekonomika Reġjonali għall-Ewropa tal-FMI ta' Ottubru 2024, "dazji paralleli" fis-suq intern tal-UE huma stmati li jammontaw għal madwar 45 % għall-kummerċ fil-merkanzija u 110 % għall-kummerċ fis-servizzi;

Or. en

Emenda 87
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Kummissjoni bħsiebha tipproponi t-28 reġim, li se jissimplifika r-regoli applikabbli u jnaqqas il-kost tal-falliment, inkluż kwalunkwe aspett rilevanti tal-liġi korporattiva, l-insolvenza, tax-xogħol u tal-liġi tat-taxxa;

Or. en

Emenda 88
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-UE għad m'għandhiex Unjoni tas-Swieq Kapitali kompletament

integrata u effiċjenti, u dan ixekkel il-kapaċità tal-SMEs u tal-iscale-ups li jaċċessaw sorsi diversi ta' finanzjament privat bejn il-fruntieri;

Or. en

Emenda 89
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi ż-żewġ diskrepanzi ewlenin fil-finanzjament għat-teknoloġija nadifa Ewropea huma ż-żieda tal-ekwità fil-fażijiet inizjali u avvanzati u d-debitu jew il-kreditu fil-fażijiet avvanzati għall-espansjoni;

Or. en

Emenda 90
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-ekonomija mmexxija mis-suq hija essenzjali biex jitrawmu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-investiment, u l-importanza li jiġi rispettat dan il-prinċipju hija fundamentali għall-kompetittività ekonomika tal-Ewropa; billi, f'ekonomija mmexxija mis-suq, il-kapital privat għandu rwol ċentrali biex jixpruna l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda, li huwa partikolarment kruċjali għall-iżvilupp tas-settur tal-kapital ta' riskju; billi, minkejja l-bażi soda ta'

tfaddil tal-Ewropa, l-investiment privat, b'mod partikolari fil-kapital ta' riskju, għadu ferm lura minn dak tal-Istati Uniti; billi l-politiki li jippermettu ambjent tas-suq ħieles u kompetittiv huma essenzjali biex jingħalaq dan id-distakk u biex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun tista' tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku tagħha, filwaqt li tattira kemm investimenti nazzjonali kif ukoll internazzjonali;

Or. es

Emenda 91
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-Kummissjoni għandha diversi inizjattivi fis-seħħ bl-għan li jippromwovu l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali fl-UE, bħall-istrateġija għall-istart-ups u l-iscale-ups, it-tabella ta' valutazzjoni tal-ekoinnovazzjoni, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KICs), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti, id-Deċennju Diġitali u l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, kif ukoll programmi ta' finanzjament iddedikati għall-innovazzjoni f'oqsma ta' politika oħra;

Or. en

Emenda 92
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Eb. billi n-nuqqas ta' suq kapitali unifikat mhux biss jillimita l-aċċess għall-finanzjament iżda jdgħajjef ukoll il-kapaċità tal-UE li żżomm kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir u jirriskja li jżid il-flussi ta' ħruġ ta' kapital lejn pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 93
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-aċċess għall-finanzjament għadu wieħed mill-aktar ostakli sinifikanti għall-iżvilupp tal-SMEs, speċjalment għall-espansjoni, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 94
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-investituri istituzzjonali bħall-kumpaniji tal-assigurazzjoni jagħtu kontribut kbir għall-finanzjament tal-SMEs permezz tat-trasferiment u tat-trasformazzjoni tar-riskji;

Or. en

Emenda 95

Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi settur bankarju kapitalizzat tajjeb se jkompli jkollu rwol importanti fil-finanzjament tan-negozji, speċjalment l-SMEs;

Or. en

Emenda 96
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi jekk jiddgħajfu r-regoli tal-għajnuna mill-Istat u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni jiżdiedu l-ostakli għad-dħul fis-suq għall-istart-ups u l-iscale-ups u b'hekk tixxekkel l-allokazzjoni kompetittiva tal-kapital ibbażata fuq il-mertu;

Or. en

Emenda 97
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi hemm disparitajiet storiċi notevoli bejn il-kultura ta' investiment fl-Ewropa u f'reġjuni oħra tad-dinja, b'mod partikolari għall-kapital ta' riskju u l-

investiment informali;

Or. en

Emenda 98
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi hemm bżonn ta' aktar investiment u avvanzi fl-infrastruttura diġitali biex jinżamm il-pass mat-teknoloġiji li qed jevolvu u biex l-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs tal-UE jkunu jistgħu jibqgħu fuq quddiem nett tal-innovazzjoni u kompetittivi fix-xena globali;

Or. en

Emenda 99
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi l-mikrointrapriżi jirrappreżentaw sehem konsiderevoli tal-SMEs Ewropej u bosta drabi jkollhom diffikultajiet biex jaċċessaw il-finanzjament u jiksbu għarfien sħiħ tal-opportunitajiet disponibbli fil-livell Ewropew u f'dak nazzjonali;

Or. en

Emenda 100
Damian Boeselager

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi d-differenza bejn il-ġeneri għadha tippersisti fl-intraprenditorija u l-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mmexxija min-nisa;

Or. en

Emenda 101
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ef (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ef. billi r-rapport Draghi jivvaluta li l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali kkombinati fl-Ewropa huma ta' EUR 750-800 biljun fis-sena sal-2030, li minnhom ammont sostanzjali huwa meħtieġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;

Or. en

Emenda 102
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eg. billi n-nuqqas ta' suq tal-istart-ups, l-iscale-ups, il-mid-caps żgħar u għalhekk anki tal-kapital ta' riskju li jirnexxi huwa prinċipalment dovut għan-

nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-regoli tas-suq komuni li jipprevjenu lill-kumpaniji li qed jikbru milli jespandu madwar l-Ewropa;

Or. en

Emenda 103
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eh (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eh. billi r-rappurtar nazzjonali u l-piżijiet burokratiċi xekklu l-kumpaniji innovattivi milli jaċċessaw il-finanzjament fil-livell nazzjonali iżda anki minn naħa għal oħra tal-fruntieri Ewropej malajr u b'mod effiċjenti;

Or. en

Emenda 104
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ei (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ei. billi dawn il-piżijiet nazzjonali u r-regoli nazzjonali differenti x'aktarx wasslu għal għadd ferm iżgħar ta' kumpaniji li jistgħu jespandu u dan irriżulta f'nuqqas ta' IPOs, kapital u fuq kollox għarfien espert iġġenerat fl-UE li jirriżulta f'ekosistema sottożviluppata tal-kapital ta' riskju;

Or. en

Emenda 105
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ej (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ej. billi l-SMEs jew il-mid-caps li jsegwu skop soċjetali jew soċjali jew jaħdmu għall-profitt ta' dawk li spiss ma jirċevux finanzjament, iż-żieda tal-kriterji għal tali kumpaniji biex jirċievu finanzjament għandha tiġi inkluża fl-għanijiet;

Or. en

Emenda 106
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kunsiderazzjonijiet ġenerali	***imħassar***

Or. en

Emenda 107
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kunsiderazzjonijiet ġenerali

Or. en

Emenda 108
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 109
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 110
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq ***intern*** tagħna***, biex jitwettaq is-Suq Uniku Diġitali*** u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar ***produttivi, u għalhekk aktar*** kompetittivi;

Or. en

Emenda 111
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi; ***u jiddispjaċih li sehem sinifikanti tal-SMEs u l-iscale-ups Ewropej ma jistgħux jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku minħabba frammentazzjoni regolatorja persistenti, aċċess transfruntier limitat għall-finanzjament u integrazzjoni insuffiċjenti tas-suq kapitali;***

Or. en

Emenda 112
Gilles Boyer, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi; ***jissottolinja r-rwol importanti li t-tlestija tal-Unjoni Bankarja se tikkontribwixxi wkoll biex jiżdiedu l-kompetittività u l-finanzjament tal-SMEs tal-Ewropa;***

Or. en

Emenda 113
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi;	1. Iqis li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tas-suq favorevoli għall-kumpaniji Ewropej biex jinnovaw, jiftħu, joħolqu, jikbru u jespandu fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġi żblukkat il-potenzjal sħiħ tas-suq tagħna u biex l-ekonomiji tagħna jiġu megħjuna jsiru aktar kompetittivi***, filwaqt li dawn il-kumpaniji jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom fis-suq tagħna***;

Or. es

Emenda 114
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li, minħabba d-daqs

tagħhom, il-maġġoranza assoluta tal-SMEs se jkomplu jiddependu fuq is-self bankarju bħala l-uniku sors ta' finanzjament tagħhom; jappoġġja, madankollu, il-miżuri biex jiġu diversifikati s-sorsi tal-finanzjament għall-istart-ups u dawk l-SMEs li jistgħu jaċċessaw il-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma minħabba d-daqs relattivament kbir jew il-prospetti għoljin ta' tkabbir tagħhom; jissottolinja li l-SMEs innovattivi huma kruċjali biex jinkisbu l-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-UE, jinsisti fuq il-ħtieġa ta' finanzjament xieraq u diversifikat biex jiġu appoġġjati l-SMEs, il-mid-caps kif ukoll l-istart-ups u l-iscale-ups biex jinnovaw u jikkompetu fil-livell globali;

Or. en

Emenda 115
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jirrikonoxxi li l-SMEs ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri f'termini ta' mudelli ta' negozju, daqs, post, kuntest soċjoekonomiku, stadju ta' żvilupp, struttura finanzjarja, forma ġuridika u livelli ta' taħriġ intraprenditorjali; jinnota li din id-diversità tirrikjedi firxa ta' għażliet ta' finanzjament aktar milli mudell uniku ta' finanzjament; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-ħolqien ta' programmi, strumenti u inizjattivi mfassla apposta biex jgħinu lin-negozji fi stadji differenti ta' żvilupp;

Or. en

Emenda 116

Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiddispjaċih ħafna li ostakli persistenti għall-fluss liberu tal-kapital fl-UE għadhom ifixklu l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs, iżidu l-kost tal-kapital u jżommu lura l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku; jissottolinja li l-approfondiment u t-tlestija tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investiment huma essenzjali biex jitneħħew dawn l-ostakli u jiġi stabbilit suq kapitali Ewropew verament integrat li jrawwem il-ħolqien tal-impjiegi, il-prosperità fit-tul u r-reżiljenza ekonomika;

Or. en

Emenda 117
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Iqis li l-Kummissjoni Ewropea għamlet disponibbli diversi programmi biex tgħin lill-SMEs jaċċessaw is-suq finanzjarju, bħall-Fond ta' Garanzija tal-UE, il-pjan InvestEU u l-Fondi Ewropej tal-Investiment;

Or. en

Emenda 118
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandhom l-SMEs fl-ekonomija tal-UE, li jirrappreżentaw 99,8 % tal-intrapriżi kollha u 65,2 % tal-impjiegi;

Or. en

Emenda 119
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jirrikonoxxi li l-SMEs jiffaċċjaw kundizzjonijiet u rekwiżiti ta' finanzjament mhux uniformi madwar l-Istati Membri u r-reġjuni, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà u l-kost tal-finanzjament; jenfasizza li dawn id-differenzi jirriżultaw minn fatturi speċifiċi għal kull SME u l-ambjent ekonomiku tal-pajjiż jew reġjun, inklużi l-volatilità ekonomika, it-tkabbir bil-mod u l-fraġilità finanzjarja akbar;

Or. en

Emenda 120
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jinnota li l-SMEs intlaqtu partikolarment ħażin mill-kriżijiet ta' dawn l-aħħar snin, speċjalment il-pandemija tal-COVID, il-kriżi tal-enerġija u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-

aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

Or. en

Emenda 121
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jiddeplora l-piżijiet eċċessivi u ekonomikament inutli li l-SMEs esperjenzaw, kemm direttament kif ukoll indirettament, bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-aġenda ekoloġika tal-UE, u b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku;

Or. en

Emenda 122
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 123
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 124
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li***, wara r-rapport*** Draghi u ***r-rapport*** Letta***, ġiet rikonoxxuta*** l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku;	2. Jilqa' l-fatt li ***r-rapporti*** Draghi u Letta ***jirrikonoxxu*** l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi b'mod deċiżiv u fi żmien qasir tressaq proposti leġiżlattivi biex timplimenta mill-inqas subsett sinifikanti tar-rakkomandazzjonijiet magħmula minn dawn ir-rapporti;***

Or. en

Emenda 125
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ***ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa*** ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku;	2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ***il-ħtieġa*** ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku ***ġiet rikonoxxuta bħala prijorità politika u objettiv fundamentali tal-UE għal din il-leġiżlatura, li jirrikjedi azzjoni immedjata u deċiżiva kemm fir-rigward tad-dimensjoni regolatorja kif ukoll fir-***

rigward ta' dik politika;

Or. en

Emenda 126
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku;	2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u inqas burokratiku***, filwaqt li jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi attirat l-investiment privat***;

Or. es

Emenda 127
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u ***inqas burokratiku***;	2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku aktar kompetittiv u ***sostenibbli***;

Or. en

Emenda 128
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku ***aktar kompetittiv u inqas burokratiku***;	2. Jilqa' l-fatt li, wara r-rapport Draghi u r-rapport Letta, ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa ta' suq uniku ***integrat***;

Or. en

Emenda 129
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza li r-robustezza tas-settur finanzjarju hija element ewlieni tal-kompetittività tiegħu; jisħaq, f'dan ir-rigward, li r-riformi ta' wara l-kriżi finanzjarja għandhom jinżammu u jitlestew; jissottolinja li hija biss implimentazzjoni sħiħa tal-istandards ta' Basel li tiżgura li l-banek tal-UE jkunu finanzjarjament sodi; ifakkar li r-regolament dwar ir-rekwiżiti kapitali jinkludi fattur ta' appoġġ għall-SMEs biex jinċentiva s-self tal-banek lill-SMEs; jinnota li proporzjon ogħla tal-portafoll tal-assi tal-assiguraturi huwa magħmul minn bonds korporattivi u ekwitajiet fl-2024 milli fl-2017; jissottolinja li dan juri li Solvenza 2, qafas prudenzjali robust, ma fixkilx iżda pjuttost rawwem l-investimenti tal-assiguraturi fl-ekonomija reali; iqis li l-finalizzazzjoni tar-Rieżami ta' Solvenza 2 trid tippreserva s-soliditá prudenzjali tal-qafas;

Or. en

Emenda 130
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrikonoxxi d-diffikultà, speċjalment għan-negozji ż-żgħar, biex isibu triqthom fost il-fondi u l-programmi magħmula disponibbli mill-Unjoni Ewropea; jenfasizza li l-SMEs immexxija min-nisa, immexxija mill-migranti u bi sjieda minoritarja jiffaċċjaw diskriminazzjoni strutturali addizzjonali u nuqqas ta' finanzjament, li jikkontribwixxu għal inugwaljanza ekonomika persistenti; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din id-diskriminazzjoni bi programmi ta' appoġġ u soluzzjonijiet ta' finanzjament xierqa;

Or. en

Emenda 131
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza li l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament se jkun dejjem aktar konness mal-possibbiltà li jiżvelaw l-impatt soċjali u ambjentali tagħhom sabiex iwieġbu għall-ħtiġijiet minn investituri akbar u swieq finanzjarji, u għalhekk iheġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa qafas ta' rapportar simplifikat u kompletament diġitalizzat biex jappoġġja l-SMEs u l-iscale-ups fit-triq tat-tkabbir tagħhom;

Or. en

Emenda 132
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jilqa' l-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea għall-istart-ups u l-iscale-ups; jemmen li din se tippromwovi l-innovazzjoni u tindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw l-innovaturi, il-fundaturi, l-istart-ups u l-iscale-ups individwali fl-UE;

Or. en

Emenda 133
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li l-konsolidazzjoni tas-suq uniku teħtieġ l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli interni li jfixklu l-integrazzjoni sħiħa tiegħu u jimminaw il-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 134
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 135
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita ***l-ambjent*** tan-negozju ***għall-intraprendituri*** Ewropej ***u biex toħloq*** ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati;	3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita ***ambjent*** tan-negozju ***attraenti għall-mobilizzazzjoni tal-kapital u l-investiment kemm*** Ewropej ***kif ukoll internazzjonali; iħeġġeġ il-ħtieġa li titrawwem*** ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati ***u sħubijiet pubbliċi-privati li jippermettu d-dinamizzazzjoni tal-kapital u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji***;

Or. es

Emenda 137
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u ***biex*** toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati;	3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju ***għan-negozjanti u*** għall-intraprendituri Ewropej***, billi tneħħi l-ostakli bla bżonn, tiżgura qafas regolatorju prevedibbli,*** u toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti privati ***li jrawmu l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u t-tkabbir ekonomiku***;

Or. es

Emenda 138
Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi ***primarjament*** mill-investimenti privati;	3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi ***kemm*** mill-investimenti privati ***kif ukoll minn dawk pubbliċi***;

Or. en

Emenda 139
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti	3. Jisħaq li l-UE għandha tistinka biex tiffaċilita l-ambjent tan-negozju għall-intraprendituri Ewropej u biex toħloq ekosistema ta' espansjoni li tkun tiddependi primarjament mill-investimenti

privati;	privati; ***jieħu nota tal-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Istart-ups u l-Iscale-ups tal-UE;***

Or. en

Emenda 140
Jorge Martín Frías, Enikő Győri, Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li, għalkemm id-dijanjożi li tinsab fl-istrateġija għall-istart-ups u l-iscale-ups ippubblikata mill-Kummissjoni hija fil-biċċa l-kbira eżatta, il-miżuri proposti jridu jkunu aktar ambizzjużi. Għandha ssir enfasi fuq ir-revoka tar-regolamenti Ewropej kollha li jimponu ostakli burokratiċi bla bżonn li jfixklu l-ħolqien u l-espansjoni tan-negozji;

Or. es

Emenda 141
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tas-settur privat fit-tkabbir u l-prosperità tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li ekonomija kompetittiva bħal dik tal-Ewropa tiddependi fuq struttura dinamika tan-negozju u ambjent li jinċentiva l-investiment privat, l-intraprenditorija u l-ħolqien tal-valur;

Or. es

Emenda 142
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Huwa konvint li definizzjonijiet dedikati tal-istart-ups u l-iscale-ups se jżidu l-opportunitajiet għal appoġġ permezz ta' miżuri li huma mfassla għall-ħtiġijiet u għall-karatteristiċi speċifiċi tal-istart-ups u l-iscale-ups billi jagħtu spinta lill-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali u l-investituri privati Ewropej;

Or. en

Emenda 143
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar li l-gwadanji fil-produttività jistgħu jinkisbu prinċipalment permezz ta' investimenti f'attivitajiet innovattivi; jirrikonoxxi li l-bini ta' ekonomija sostenibbli jikkostitwixxi vantaġġ kompetittiv importanti tal-ekonomija tal-UE u l-pedament tas-sovranità ekonomika tal-UE;

Or. en

Emenda 144
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrikonoxxi li s-self mill-banek huwa tradizzjonalment l-aktar sors importanti ta' finanzjament għall-SMEs fl-Unjoni, peress li l-finanzjament bankarju jirrappreżenta aktar minn tliet kwarti mill-finanzjament tal-SMEs[1a], u għalhekk l-SMEs huma partikolarment vulnerabbli għal issikkar tas-self mill-banek;
	[1a] OECD (2024), Finanzjament tal-SMEs u l-Intraprendituri 2024: Tabella ta' Valutazzjoni tal-OECD, Pubblikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/fa521246-en

Or. en

Emenda 145
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Isostni li l-konċentrazzjoni tikber fis-settur bankarju u enfasi fuq oqfsa ta' self ibbażati fuq ir-riskju jkomplu jaggravaw l-esklużjoni finanzjarja tal-SMEs, speċjalment f'reġjuni periferiċi jew mhux moqdija biżżejjed tal-UE;

Or. en

Emenda 146
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3b. Jissottolinja r-rwol importanti u żviluppat sew tal-banek b'għarfien lokali u reġjonali speċifiku fil-provvista ta' fondi għall-SMEs minħabba r-relazzjoni fit-tul li għandhom ma' dawn il-kumpaniji;

Or. en

Emenda 147
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Iqis li huwa essenzjali li jiġu promossi r-rwol u l-viżibbiltà kemm tan-nisa kif ukoll taż-żgħażagħ fis-settur tal-SMEs, fejn il-parteċipazzjoni tagħhom tibqa' sproporzjonatament baxxa; azzjonijiet ta' politika mmirati għandhom jappoġġjaw l-intraprenditorija u l-inklużjoni finanzjarja għal dawn il-gruppi permezz ta' strumenti finanzjarji mfassla apposta, programmi ta' bini tal-kapaċità, networks dedikati ta' mentoraġġ, u inċentivi għall-kapital ta' riskju u l-intermedjarji finanzjarji biex jappoġġjaw negozji mmexxija min-nisa u mmexxija miż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 148
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna	***imħassar***

ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej;

Or. en

Emenda 149
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej;	***imħassar***

Or. en

Emenda 150
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju ***u investituri*** barranin, ***b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament*** aktar ***tard immexxija minn investituri mhux Ewropej***;	4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju ***minn pajjiżi*** barranin, ***u dan jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet*** aktar ***attraenti għall-investiment fi ħdan l-UE; jisħaq li l-***

aċċess għall-finanzjament għandu jkun iggwidat minn kriterji ta' effiċjenza ekonomika, profittabbiltà u skalabbiltà, irrispettivament mill-oriġini tal-kapital, u jfakkar li l-kompetizzjoni miftuħa u globali biex tattira l-investiment hija ta' benefiċċju għan-negozji u l-innovazzjoni;

Or. es

Emenda 151
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej;	4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej; ***jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-Att dwar il-Kwotazzjoni tal-UE li se jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji ta' kull daqs, inklużi l-SMEs, biex ikunu kkwotati fil-borż Ewropej;***

Or. en

Emenda 152
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-	4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-

tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, ***b'sehem*** kbir ta' ***ċikli ta'*** finanzjament ***aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej***;	tkabbir fi stadju avvanzat; jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital ta' riskju u investituri barranin, ***u li sehem*** kbir ta' ***kumpaniji Ewropej ma jistgħux isibu*** finanzjament ***fi ħdan il-fruntieri tagħna u jridu jfittxuh f'ġuriżdizzjonijiet oħra***;

Or. es

Emenda 153
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; ***jinnota li ħafna ditti tal-UE b'potenzjal għoli għadhom jiddependu minn kapital*** ta' riskju ***u investituri barranin, b'sehem kbir ta' ċikli ta' finanzjament aktar tard immexxija minn investituri mhux Ewropej***;	4. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfidi partikolari li jiffaċċjaw l-iscale-ups Ewropej biex jiksbu finanzjament għat-tkabbir fi stadju avvanzat; ***jirrikonoxxi l-importanza tal-kapital*** ta' riskju ***barrani bħala xprun kritiku tat-tkabbir tal-Ewropa, fejn 40 % tal-fondi fis-swieq privati joriġinaw barra mill-UE***;

Or. en

Emenda 154
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza r-rwol kritiku tal-istrumenti ta' garanzija fit-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs; jenfasizza li dawn l-istrumenti jistgħu jtaffu b'mod sinifikanti r-riskji assoċjati mas-self lil intrapriżi iżgħar billi jipprovdu titjib tal-kreditu u mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-riskju; jinnota li l-istrumenti ta' garanzija

jistgħu jattiraw firxa usa' ta' selliefa, inklużi dawk li jafu jeżitaw minħabba r-riskji perċepiti, u jiffinanzjaw firxa usa' ta' SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu usa' ta' strumenti ta' garanzija fl-Istati Membri kollha u tamplifika l-użu ta' garanziji fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, wara s-suċċess ta' InvestEU;

Or. en

Emenda 155
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jirrimarka li madwar 80 % tal-finanzjament estern tal-kumpaniji Ewropej jiġi mill-banek, meta mqabbel ma' 20 % mis-swieq kapitali, filwaqt li fl-Istati Uniti 30 % biss tas-self kummerċjali jiġi mill-banek, filwaqt li 70 % jiġi ffinanzjat permezz ta' swieq kapitali bħal bonds korporattivi jew ħruġ ta' ekwità;

Or. en

Emenda 156
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4a. Jisħaq li s-simplifikazzjoni ma għandha qatt tfisser deregolamentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċċji offruti mill-Unjoni Ewropea jkunu mmirati lejn kumpaniji li verament jeħtiġuhom u**

jkollhom id-dritt għalihom;

Or. en

Emenda 157
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jemmen bis-sħiħ li l-iżvilupp ta' qafas ta' finanzjament sostenibbli robust u kredibbli huwa kruċjali biex l-investimenti jiġu diretti f'konformità mal-objettivi fit-tul tal-UE u biex jiġu attirati investituri internazzjonali;

Or. en

Emenda 158
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) mit-tisħiħ fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 159
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) mit-tisħiħ fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 160
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u ***l-iscale-ups*** se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, ***(ii) mit-tisħiħ fil-kapaċità li jiġu żblukkati*** l-investiment u t-tfaddil ***privati***, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u ***għall-iscale-ups*** se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, ***inklużi proċeduri twal għall-ħruġ tal-permessi, rekwiżiti ta' rapportar li jiswew ħafna, u l-kumplessità u l-imprevedibbiltà tal-ambjent regolatorju (ii) mill-kapaċità mtejba biex jiġi sfruttat*** l-investiment ***privat*** u t-tfaddil ***permezz ir-realizzazzjoni ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, ***b'mod partikolari permezz tal-possibbiltà li l-investituri istituzzjonali jkunu jistgħu jkunu investituri tal-ekwità fit-tul*** u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;

Or. en

Emenda 161
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis ***sinifikanti*** fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji***, (ii) mit-tisħiħ*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji ***(ii) mit-titjib*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil ***pubbliċi u*** privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva ***u aktar integrata*** tas-swieq kapitali ***li tkun irregolata tajjeb u bbażata fuq protezzjonijiet sodi tal-investituri*** fl-UE;

Or. en

Emenda 162
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) ***mit-tisħiħ*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti ***u persistenti*** fil-piżijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) ***mit-titjib*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;

Or. en

Emenda 163
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) ***mit-tnaqqis sinifikanti fil-pożijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) mit-tisħiħ*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (***iii***) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (***iv***) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;	5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) ***mit-titjib*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (***ii***) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (***iii***) mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE;

Or. en

Emenda 164
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-pożijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) ***mit-tisħiħ*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) ***mit-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva tas-swieq kapitali fl-UE***;	5. Iqis li l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs u l-iscale-ups se jiddependi (i) mit-tnaqqis sinifikanti fil-pożijiet burokratiċi u regolatorji, (ii) ***mit-titjib*** fil-kapaċità li jiġu żblukkati l-investiment u t-tfaddil privati, (iii) mit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-iscale-ups, u (iv) ***mill-ikkompletar tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment***;

Or. en

Emenda 165
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li l-finanzjament tal-SMEs għandu jseħħ fejn jeżistu kundizzjonijiet aktar favorevoli għat-tkabbir u għall-iskalabbiltà tagħhom, irrispettivament mill-oriġini ġeografika tal-kapital; iqis li tkun kontroproduttiva kwalunkwe orjentazzjoni politika li tipprijoritizza n-nazzjonaliżmu finanzjarju jew il-preferenza għal kapital "Ewropew" fuq il-kriterji tal-effiċjenza ekonomika, il-profittabbiltà u l-profil tar-riskju;

Or. es

Emenda 166
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja l-importanza tal-intervent tal-BEI f'termini ta' appoġġ għall-SMEs u għall-istart-ups, speċjalment f'setturi strateġiċi partikolari; jissottolinja li dan is-self huwa fundamentali għall-iżvilupp tal-ekonomija tagħna, speċjalment f'żoni ekonomikament batuti u emarġinati, u ma jridx jiġi ddevjat lejn teknoloġiji militari jew b'użu doppju;

Or. en

Emenda 167
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-BEI jiżguraw li t-tieqa għall-SMEs ta' InvestEU jkollha biżżejjed riżorsi u żżomm il-kapaċità li tappoġġja proġetti innovattivi, fi stadju bikri u b'riskju ogħla, sabiex jiġi evitat li jiġu esklużi kumpaniji b'potenzjal qawwi ta' tkabbir;

Or. en

Emenda 168
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jirrikonoxxi li l-kriżi klimatika tirrikjedi t-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti ta' miljuni ta' SMEs fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-finanzi sostenibbli aktar adatti għall-SMEs;

Or. en

Emenda 169
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jitlob li l-leġiżlazzjoni l-ġdida kollha tal-UE tiġi vvalutata b'mod sistematiku għall-impatt potenzjali tagħha fuq l-SMEs, b'mod partikolari f'termini ta' piżijiet amministrattivi, u li dawn il-

	valutazzjonijiet iservu ta' informazzjoni għat-tfassil leġiżlattiv b'mod li jevita impatti sproporzjonati;

Or. en

Emenda 170
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis tal-piżijiet burokratiċi u regolatorji	***imħassar***

Or. en

Emenda 171
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis tal-piżijiet burokratiċi u regolatorji	***imħassar***

Or. en

Emenda 172
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tnaqqis tal-piżijiet burokratiċi u regolatorji	***imħassar***

Or. en

Emenda 173
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq li l-isforzi ta' simplifikazzjoni ma għandhomx jirriżultaw fit-tneħħija ta' regolamenti u dispożizzjonijiet essenzjali li jappoġġjaw lill-SMEs, peress li dawn huma kruċjali biex jgħinuhom itejbu l-kompetittività tagħhom u jnaqqsu l-ineffiċjenzi;

Or. en

Emenda 174
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-SMEs u t-teknoloġiji ġodda

Or. en

Emenda 175
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li,	***imħassar***

sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;

Or. en

Emenda 176
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 177
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-	***imħassar***

istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;

Or. en

Emenda 178
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti ***qed*** jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***xenarju*** regolatorju ***Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli***; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***qafas*** regolatorju ***tal-UE oneruż u n-nuqqas ta' swieq kapitali profondi u unifikati***; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali ***u tar-realizzazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;

Or. en

Emenda 179
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom; ***jisħaq li dan it-telf ta' kumpaniji innovattivi u li qed jikbru malajr iwassal għal anqas***

ħolqien ta' impjiegi u tkabbir ekonomiku aktar bil-mod fl-UE;

Or. en

Emenda 180
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***xenarju*** regolatorju ***Ewropew ta' piż, kajman*** u imprevedibbli; ***jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz*** ta' simplifikazzjoni ***sostanzjali, l-Ewropa se tkompli*** titlef ***il-kumpaniji*** fl-istadju l-aktar ***strateġiku għat-tkabbir*** tagħhom;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed ***ifittxu dejjem aktar li*** jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE ***jew jespandu fihom primarjament*** minħabba ***ambjent*** regolatorju ***li huwa pperċepit bħala ta' piż, frammentat*** u imprevedibbli; ***jisħaq li mingħajr sforzi*** ta' simplifikazzjoni ***sinifikanti u f'waqthom, l-UE tirriskja li*** titlef ***kumpaniji b'rata għolja ta' tkabbir*** fl-istadju l-aktar ***kritiku*** tagħhom ***ta' żvilupp, flimkien mal-innovazzjoni, l-impjiegi u l-investiment assoċjati***;

Or. en

Emenda 181
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se*** tkompli ***titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom***;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***swieq kapitali sottożviluppati u mhux integrati biżżejjed fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni*** tkompli ***tagħmel progress fl-iżvilupp ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-UE li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji u toffri opportunitajiet***

ta' investiment aktar attraenti għaċ-ċittadini u għall-investituri;

Or. en

Emenda 182
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***xenarju regolatorju Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli***; jissottolinja li, ***sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura*** permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE minħabba ***pożijiet amministrattivi severi***; jissottolinja li, ***sa ma din il-kwistjoni tiġi indirizzata*** permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom;

Or. en

Emenda 183
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi ***mhux tal-UE*** minħabba ***xenarju*** regolatorju ***Ewropew ta' piż, kajman u imprevedibbli; jissottolinja li, sakemm din ix-xejra ma titreġġax lura permezz ta' simplifikazzjoni sostanzjali, l-Ewropa se tkompli titlef il-kumpaniji fl-istadju l-aktar strateġiku għat-tkabbir tagħhom***;	6. Ifakkar li ħafna start-ups u scale-ups Ewropej promettenti qed jirrilokaw lejn pajjiżi ***terzi*** minħabba ***l-piż*** regolatorju ***kbir, li f'xi każijiet joħloq inċertezza u jiskoraġġixxi l-proliferazzjoni tal-kumpaniji; ifakkar li matul il-leġiżlatura preċedenti kien hemm piż regolatorju kbir, li jrid jiġi applikat matul din il-leġiżlatura***;

Or. es

Emenda 184
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex ineħħu l-barrieri u l-ostakli li jifframmentaw is-suq uniku u jnaqqsu l-kapaċità tal-SMEs u tal-iscale-ups li jikkonsolidaw u jissaħħu fit-territorji tagħhom; jissottolinja b'mod partikolari l-urġenza li tittieħed azzjoni rigward piżijiet amministrattivi sproporzjonati, reġimi fiskali mhux uniformi bejn l-Istati Membri, piżijiet ambjentali penalizzanti, perjodi ta' żmien eċċessivi għall-kisba ta' permessi u liċenzji, kif ukoll rigward id-diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi; jirrimarka li dawn il-problemi jikkompromettu l-kompetittività u l-kapaċità ta' tkabbir tal-SMEs Ewropej, speċjalment fl-aktar stadji delikati tal-iżvilupp tagħhom;

Or. it

Emenda 185
Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa u tadotta "test tal-istart-ups", b'mod simili għat-test tal-SMEs li adottat fl-2021, sabiex tivvaluta aħjar l-impatt tal-leġiżlazzjoni li tiffoka fuq l-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kompetittività; jieħu nota tal-proposta tal-President tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit kontroll tal-

kompetittività għal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE li jrid jitwettaq minn bord indipendenti; iqis li dan il-kontroll tal-kompetittività għandu jkollu qafas speċjali fir-rigward tal-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs biex jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni tinċentiva l-bidu ta' negozji ġodda fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 186
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li t-tkabbir tan-negozji mhuwiex limitat biss min-nuqqas ta' finanzjament fl-istadji lejn l-aħħar, iżda wkoll mill-akkumulazzjoni ta' ostakli regolatorji li jippenalizzaw l-eskalazzjoni; jenfasizza b'mod partikolari l-piż amministrattiv relatat mal-obbligi ta' rapportar, kif ukoll il-limiti tat-taxxa u dawk regolatorji li jiskoraġġixxu t-tkabbir tan-negozji billi jimponu trattamenti ta' piż akbar wara li jkunu nqabżu ċerti volumi jew livelli ta' fatturazzjoni;

Or. es

Emenda 187
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistenna li l-Kummissjoni tagħti l-akbar attenzjoni lill-interessi tal-istart-ups u tal-iscale-ups fl-aċċess għas-suq

kompetittiv meta tevalwa l-eżenzjonijiet mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-regoli dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet u l-illaxkar tad-dispożizzjonijiet tal-politika tal-kompetizzjoni; jappella għal aġenda tal-kompetittività ffukata fuq l-innovaturi, b'enfasi fuq it-tnaqqis tal-kostijiet tad-dħul fis-suq, it-trawwim tal-mobbiltà transfruntiera għall-fundaturi u t-talent, u l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi tal-kumpaniji;

Or. en

Emenda 188
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jisħaq fuq l-importanza tal-aċċessibbiltà tal-SMEs għal teknoloġiji ġodda tal-intelliġenza artifiċjali; jappella għall-iżvilupp ta' infrastruttura u pjattaformi diġitali pubbliċi li jiffaċilitaw ukoll l-aċċess għall-għarfien espert prattiku u l-kontroll pubbliku u demokratiku fis-settur diġitali;

Or. en

Emenda 189
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-frammentazzjoni ekonomika, finanzjarja, regolatorja u legali fl-UE, biex tneħħi l-ostakli għall-SMEs u għall-

iscale-ups biex jikbru; jisħaq li suq uniku reali se jgħin biex l-iscale-ups jiġu diżinċentivati milli jirrilokaw lejn pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 190
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar li ġew introdotti pożijiet eċċessivi ta' rapportar għall-SMEs fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u li l-mitigazzjoni tagħhom għandha timxi id f'id ma' rieżami tal-Aġenda Ekoloġika kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 191
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jilqa' l-mira tal-Kummissjoni li tnaqqas il-pożijiet assoċjati mar-rekwiżiti ta' rapportar b'25 % mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi tal-politika; jemmen li l-Kummissjoni għandha tqis ir-restrizzjonijiet speċifiċi u strutturali tal-istart-ups u tal-iscale-ups f'dan ir-rigward sabiex tonqos il-pressjoni tal-kostijiet u tiġi promossa l-kompetittività; jappella għal approċċ ibbilanċjat dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE fir-rigward tat-trawwim tat-tkabbir, l-intraprenditorija u t-tranżizzjonijiet doppji; jappella għall-

applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" fid-deliberazzjonijiet interni u fil-proposti leġiżlattivi u l-inizjattivi ta' politika rilevanti kollha;

Or. en

Emenda 192
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jappella għall-istabbiliment ta' regolamenti u oqfsa favur l-istart-ups li jiffaċilitaw it-tkabbir, l-iskalabbiltà u l-operazzjonijiet transfruntiera tal-istart-ups u tal-iscale-ups, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur, il-privatezza tad-data u l-kompetizzjoni ġusta; jissottolinja l-importanza li jiġu limitati l-kostijiet tal-konformità għall-istart-ups u l-iscale-ups; jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-appoġġ għall-SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups fin-navigazzjoni tal-kumplessità regolatorja;

Or. en

Emenda 193
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	***imħassar***

Or. en

Emenda 194
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	***imħassar***

Or. en

Emenda 195
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	***imħassar***

Or. en

Emenda 196
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-	7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-

Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025; ***b'mod partikolari, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett leġiżlattiv ġdid dwar is-sostenibbiltà, li jagħmilha reġim fakultattiv, u b'hekk b'dan il-mod il-kumpaniji li volontarjament jixtiequ jaderixxu magħha jiġu offruti tikketta tas-sostenibbiltà li turi l-allinjament tagħhom mal-istandards ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni Ewropea;***
	Or. es

Emenda 197
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025; ***jitlob li sistematikament l-acquis communitaire jiġi eżaminat għal miżuri li jfixklu l-aċċess tal-SMEs għal finanzjament u jiġu indirizzati l-ostakli identifikati;***
	Or. en

Emenda 198
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn ***mill-pakkett*** ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ***ppubblikat fis-26 ta' Frar***	7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn ***mill-pakketti*** ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ***li ġew ippubblikati***

2025;	***reċentement; ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-burokrazija f'approċċ orizzontali, fl-oqsma kollha***;

Or. en

Emenda 199
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	7. Jappella għal aktar sforzi ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025; ***jisħaq li s-simplifikazzjoni ma tridx twassal għal deregolamentazzjoni;***

Or. en

Emenda 200
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jappella għal aktar sforzi*** ta' simplifikazzjoni li jmorru lil hinn ***mill-pakkett*** ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ***ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025***;	7. ***Jesprimi appoġġ għall-isforzi*** ta' simplifikazzjoni li ***għaddejjin bħalissa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti sussegwenti li*** jmorru lil hinn ***mill-pakketti*** ta' simplifikazzjoni omnibus tal-Kummissjoni ***ppubblikati***;

Or. en

Emenda 201
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jappella għal aktar sforzi*** ta' simplifikazzjoni ***li jmorru lil hinn mill-pakkett ta' simplifikazzjoni omnibus*** tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025;	7. ***Jilqa' l-isforzi*** ta' simplifikazzjoni ***tal-omnibus*** tal-Kummissjoni ppubblikat fis-26 ta' Frar 2025; ***ifakkar li l-Kummissjoni ħabbret li se tadotta aktar pakketti omnibus;***

Or. es

Emenda 202
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistenna li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-istart-ups u lill-kumpaniji li qed jikbru biex jespandu u jkunu kkwotati fl-UE; jenfasizza r-riskju li jintilef il-vantaġġ teknoloġiku u l-innovazzjoni żviluppati mill-kumpaniji tal-UE favur swieq mhux tal-UE u jilqa' għalhekk l-enfasi fuq il-finanzjament fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up immirata lejn il-prevenzjoni tar-rilokazzjoni tagħhom lejn pajjiżi mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 203
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tat-Tieni Pakkett Omnibus,

jenfasizza li huma meħtieġa proċessi simplifikati fl-implimentazzjoni tal-programm InvestEU biex jiġi żgurat li l-SMEs – inklużi l-iżgħar fosthom – ikunu jistgħu jaċċessaw aktar faċilment l-appoġġ finanzjarju li jeħtieġu biex jikbru u jinnovaw;

Or. en

Emenda 204
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jappoġġja l-espansjoni ta' ekosistemi tal-innovazzjoni mmexxija mill-istat u clusters reġjonali li jistgħu jnaqqsu l-ostakli għad-dħul għall-SMEs li teknikament għadhom lura;

Or. en

Emenda 205
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	***imħassar***

Or. en

Emenda 206
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	***imħassar***

Or. en

Emenda 207
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	***imħassar***

Or. en

Emenda 208
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex ***teżenta lill-SMEs minn obbligi*** eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex ***lill-SMEs u lill-istart-ups tnaqqsilhom l-obbligi*** eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs; ***isostni li d-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà hija ta' importanza kritika fil-proċess tal-allokazzjoni tal-kreditu lill-SMEs; ifakkar f'dan id-dawl li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiddependu fost l-oħrajn fuq l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 449a fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kreditu (CRR) għall-valutazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà ta' kumpanija fit-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-kreditu tagħhom; iqis għalhekk li huwa ta' importanza ewlenija li l-obbligi ta' rapportar għall-SMEs jaqblu mal-informazzjoni li l-investituri jeħtieġu fid-deċiżjonijiet tagħhom biex jallokaw il-kreditu; jiddispjaċih ħafna li l-proposta "Omnibus I" tal-Kummissjoni Ewropea fil-biċċa l-kbira tissepara lill-SMEs u minflok iġġiegħel lill-investituri jiddependu fuq divulgazzjonijiet volontarji arbitrarji li jirrappreżentaw inkonsistenza sfaċċata ma' rekwiżiti oħra ta' informazzjoni għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, li jikkompromettu l-Qafas ta' Finanzjament Sostenibbli kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs;***
	Or. en

Emenda 209
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta

l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs; ***jappella wkoll għal progress f'waqtu rigward standards simplifikati u volontarji ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà mfassla għall-SMEs, u għal riežami tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni bankarja tal-Pilastru 3 li jistgħu jimponu indirettament fuq il-klijenti tal-SMEs talbiet sproporzjonati għal data;***
	Or. en

Emenda 210
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;	8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta ***b'mod sistematiku*** l-obbligi regolatorji eżistenti li qed ipoġġu piż fuq il-kumpaniji, bħall-qafas ta' finanzjament sostenibbli, u tiżviluppa limiti ta' proporzjonalità biex teżenta lill-SMEs minn obbligi eċċessivi; jilqa' l-proposta għall-kontroll ġdid tal-kompetittività tal-SMEs;
	Or. en

Emenda 211
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jitlob li jiġi stabbilit kont bankarju tan-negozju għall-SMEs protett u eżentat

mis-sekwestru, marbut ma' proporzjon tal-fatturat tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-likwidità operazzjonali u jiġi evitat tfixkil sistemiku tal-attivitajiet kummerċjali ta' kuljum minħabba azzjonijiet ta' infurzar finanzjarju;

Or. en

Emenda 212
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jiddispjaċih dwar il-fatt li ħafna intraprendituri bbażati fl-UE jħossu l-ħtieġa li jirrilokaw biex jiksbu aċċess aktar faċli għal finanzjament u riżorsi; jiddeplora l-fatt li dawn jirrikorru għal fornituri ta' kapital ta' riskju barra mill-UE u jespandu fis-swieq barranin; jaqbel mar-rapporti ta' Draghi u ta' Letta li l-UE għandha tkompli tiżviluppa s-swieq ta' kapital ta' riskju tagħha; jenfasizza madankollu li l-appoġġ pubbliku għas-swieq ta' kapital ta' riskju għandu jkun immirat esklużivament lejn proġetti allinjati mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u li jkollhom impatt soċjali pożittiv;

Or. en

Emenda 213
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-oqfsa regolatorji u l-istrumenti

ffinanzjati mill-UE jkunu proporzjonati għad-daqs u għall-kapaċità amministrattiva tal-SMEs, u adattati b'mod xieraq aktar milli rreplikati minn rekwiżiti għal kumpaniji akbar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida ta' implimentazzjoni mill-anqas sentejn qabel ma jidħlu fis-seħħ obbligi ġodda u tiżgura d-disponibbiltà tagħhom bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, sabiex l-SMEs jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju u jadattaw ruħhom;

Or. en

Emenda 214
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jilqa' l-objettiv tal-Kummissjoni li tnaqqas l-obbligi ta' rapportar għall-SMEs mill-anqas b'35 %; jenfasizza li tali objettiv għandu jkun jista' jitkejjel u r-riżultati jridu jkunu traċċabbli; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi skeda ta' żmien ċara u tiddefinixxi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni kif ukoll metodoloġija dwar kif għandhom jiġu traċċati;

Or. en

Emenda 215
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jinnota li r-regolamentazzjoni ma għandhiex toħloq ostakli kbar wisq meta

	wieħed jiċċaqlaq minn pereżempju kategorija ta' daqs għal oħra, jew bejn kumpaniji kkwotati u mhux ikkwotati; huwa għalhekk tal-opinjoni li approċċ fi stadji b'rekwiżiti regolatorji li jiżdiedu gradwalment huwa preferibbli;

Or. en

Emenda 216
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jenfasizza li l-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE mhuwiex adatt kif xieraq għall-SMEs Ewropej peress li spiss iġib miegħu pożijiet amministrattivi u ta' rapportar għoljin kif ukoll kostijiet għoljin ta' implimentazzjoni u konformità; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrieżamina u tirrevedi l-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE biex tagħmlu anqas burokratiku, irħas u aktar favorevoli għall-SMEs;

Or. en

Emenda 217
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	***imħassar***

Or. es

Emenda 218
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 219
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 221
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 222
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ***ambizzjuża*** ta' simplifikazzjoni;	9. Jisħaq li l-approċċ ***ta'*** "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ta' simplifikazzjoni ***ambizzjuża li tissalvagwardja l-objettivi politiċi tal-UE, filwaqt li tnaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv għall-kumpaniji, jiġifieri l-SMEs***; ***jissottolinja l-ħtieġa li tiġi garantita koerenza legali u regolatorja sistematika fil-qafas legali tal-UE, filwaqt li jiġu previsti ċ-ċertezza legali, is-sigurtà u l-prevedibbiltà;***

Or. en

Emenda 223
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ***ambizzjuża*** ta' simplifikazzjoni;	9. Jisħaq li l-approċċ ***ta'*** "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ta' simplifikazzjoni ***aktar ambizzjuża li tmur lil hinn milli sempliċiment tħares lejn id-Direttivi u r-Regolamenti, iżda tqis ukoll il-leġiżlazzjoni tal-livell 2 u tal-livell 3 kif ukoll l-impatt kwalitattiv ta' miżuri bħall-approċċ ta' "one-in, one-out"***;

Or. en

Emenda 224
Gilles Boyer, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. ***Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u*** jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	9. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni ***f'oqsma fejn is-simplifikazzjoni ġġib riżultati konkreti mingħajr ma ddgħajjef l-għan tal-leġiżlazzjoni***;

Or. en

Emenda 225
Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jisħaq li l-approċċ "one-in, one-out" mhuwiex biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni;	9. Jisħaq li l-approċċ ***ta'*** "one-in, one-out" mhuwiex ***implimentat*** biżżejjed ***fil-prattika***, u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija ambizzjuża ta' simplifikazzjoni ***f'dan ir-rigward***;

Or. en

Emenda 226
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Ifakkar fir-rwol katalitiku li l-appoġġ pubbliku mmirat, fil-forma ta' għotjiet, self ta' ekwità jew garanziji ta' self, għandu fit-tnaqqis tad-diskrepanza fil-finanzjament għall-infrastruttura u l-kapaċità tal-manifattura għall-istart-ups u għall-iscale-ups, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-investimenti privati ma jkunux biżżejjed jew ma jkunux disponibbli;

Or. en

Emenda 227
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrimarka li r-regolamenti introdotti għall-fini ta' simplifikazzjoni spiss ikunu kumplessi fihom infushom, u għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li ħafna regolamenti eżistenti li jżidu l-piżijiet amministrattivi, speċjalment l-obbligi ta' rapportar ekoloġiku, jiġu irtirati kompletament;

Or. en

Emenda 228
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Itenni li r-rekwiżiti relatati mal-konformità għandhom jibqgħu proporzjonati għall-SMEs; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli standardizzati, mingħajr ħlas u obbligi ta' divulgazzjoni ċari u proporzjonati li jirriflettu l-kapaċitajiet ta' negozji iżgħar;

Or. en

Emenda 229
Anouk Van Brug, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-benefiċċji ta' superviżjoni ċentrali mtejba fis-swieq finanzjarji tal-UE biex tnaqqas il-frizzjonijiet li għadhom jiskoraġġixxu l-investiment transfruntier u tivvaluta l-fattibbiltà ta' ġabra unika ta' regoli għall-parteċipanti fis-suq;

Or. en

Emenda 230
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi portal diġitali ċentralizzat

biex l-SMEs jiġu megħjuna jidentifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE; dan il-portal għandu jkun aċċessibbli mil-lat tal-lingwa, ibbażat fuq l-IA, u faċli biex jintuża fuq il-mowbajl;

Or. en

Emenda 231
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-iżblukkar tal-kapital u t-tfaddil privati	***imħassar***

Or. en

Emenda 232
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-iżblukkar tal-kapital u t-tfaddil privati	***imħassar***

Or. en

Emenda 233
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Appoġġ għall-SMEs Ewropej

Or. en

Emenda 234
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 235
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 236
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali; ***jenfasizza li l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tkun suċċess fit-titjib tas-sitwazzjoni ta' finanzjament għall-SMEs biss jekk ikun hemm xiri sfurzat ġenwin mill-Istati Membri tal-UE;***

Or. en

Emenda 237
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali ***u fuq kollox tippromwovi konsistenza transfruntiera sabiex jiġu evitati d-diverġenzi regolatorji bejn l-Istati Membri***;

Or. es

Emenda 238
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li ***l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll*** l-iżvilupp ***ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell*** nazzjonali;	10. Jinnota li ***l-unitajiet domestiċi tal-UE għandhom livelli għoljin ta' tfaddil fi strumenti b'rendiment baxx; jinkoraġġixxi bil-qawwa*** l-iżvilupp ***ulterjuri tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, li tista' tgħin biex it-tfaddil fit-tul jiġi dirett lejn is-swieq kapitali u tikkomplementa l-isforzi*** nazzjonali ***biex jiġu approfonditi s-swieq kapitali u tiżdied id-disponibbiltà tal-kapital, speċjalment għall-SMEs***;

Or. en

Emenda 239
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li ***jirrispettaw u*** jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti ***(SIU)***, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali***, fejn dawn l-azzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu aħjar għall-implimentazzjoni tal-SIU***;

Or. en

Emenda 240
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-

investimenti***, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali***;	investimenti***; jisħaq li r-realizzazzjoni tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti tirrikjedi l-integrazzjoni sħiħa tas-swieq kapitali***;

Or. en

Emenda 241
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda ***wkoll*** l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda ***b'mod aktar importanti*** l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali;

Or. en

Emenda 242
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki ***li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet*** tal-Istati Membri ***fil-livell nazzjonali***;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi mhux biss azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll l-iżvilupp ta' għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki ***fil-livell*** tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 243
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi ***mhux biss*** azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll ***l-iżvilupp ta'*** għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri ***fil-livell nazzjonali***;	10. Jinnota li l-Kummissjoni għandha l-għan li timplimenta unjoni tat-tfaddil u tal-investimenti, li trid tinkludi azzjoni fil-livell tal-UE, iżda wkoll għodod, soluzzjonijiet u l-aħjar prattiki li jirrispettaw ***il-kompetenzi nazzjonali*** u jappoġġjaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri;

Or. es

Emenda 244
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora għodod ġodda ta' finanzjament u tfassalhom għall-ħtiġijiet tal-intrapriżi mikro u żgħar, b'tariffi mnaqqsa u kopertura tar-riskju ogħla għall-SMEs ekoloġiċi, soċjali u kooperattivi, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ ta' żoni ekonomikament żvantaġġati u emarġinati u fuq il-ġlieda kontra l-qgħad u l-inugwaljanza reġjonali;

Or. en

Emenda 245
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jilqa' t-tnedija tat-tikketta "Finance Europe", bil-lista speċifika tagħha ta' karatteristiċi li l-fondi li jużaw it-tikketta jridu jirrispettaw, li tippermetti lil dawk li jfaddlu jinvestu, jekk jixtiequ, it-tfaddil tagħhom f'kumpaniji Ewropej u b'hekk jikkontribwixxu direttament għall-finanzjament tal-ekonomija tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 246
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jirrimarka li t-tlestija u t-tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) u l-Unjoni Bankarja, speċjalment fil-kuntest attwali ta' dedollarizzazzjoni possibbli, jistgħu jżidu l-użu internazzjonali tal-euro għall-benefiċċju tal-SMEs;

Or. en

Emenda 247
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti bl-imnut simplifikati	***imħassar***

biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 248
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti bl-imnut simplifikati biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 249
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ***ttejjeb*** l-aċċess ***għall-informazzjoni u l-protezzjoni*** tal-investituri***, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti bl-imnut simplifikati biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali***;	11. ***Jilqa' l-idea li dawk li jfaddlu jsiru investituri;*** jistieden lill-Kummissjoni ***tiffaċilita*** l-aċċess tal-investituri ***individwali għas-swieq finanzjarji; jenfasizza li sabiex it-tfaddil jiġi dirett lejn start-ups jew scale-ups, l-intermedjarji bħall-fondi tal-pensjonijiet u l-impriżi tal-assigurazzjoni huma kruċjali***; ***jistieden lill-Kummissjoni toħloq qafas regolatorju li jħajjar lil tali entitajiet biex jieħdu dak ir-rwol bħala intermedjarji;***

Or. en

Emenda 250
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti ***bl-imnut*** simplifikati biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;	11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti ***fil-livell tal-konsumatur*** simplifikati biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali; ***jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi standards Ewropej volontarji biex jittejbu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-preżentazzjoni ċara tal-prodotti finanzjarji għall-SMEs, bl-għan li jiġu ffaċilitati deċiżjonijiet infurmati tajjeb min-naħa tal-intraprendituri;***

Or. es

Emenda 251
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ***ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri***, filwaqt li ***tisfrutta*** l-potenzjal ta' prodotti ***bl-imnut simplifikati biex jattiraw*** aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;	11. Jistieden lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi individwali fis-swieq kapitali permezz ta' mezzi varji***, filwaqt li ***tingrana*** l-potenzjal ta' prodotti ***sempliċi għall-konsumaturi individwali biex tattira*** aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali ***u, aktar importanti minn hekk, toffri liċ-ċittadini tal-UE redditi aktar attraenti fuq it-tfaddil tagħhom***;

Or. en

Emenda 252
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti ***bl-imnut simplifikati*** biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;	11. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri, filwaqt li tisfrutta l-potenzjal ta' prodotti ***għall-konsumaturi individwali*** biex jattiraw aktar tfaddil lejn is-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 253
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jiddispjaċih li r-Regolament EuVECA ((UE) Nru 345/2013) ma pprovdiex impatt pożittiv sinifikanti fuq is-swieq lokali ta' kapital ta' riskju; jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni SIU tħares speċifikament lejn l-investiment ta' kapital ta' riskju f'kumpaniji żgħar mhux ikkwotati li idealment huma ġodda u innovattivi iżda jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni dwar ir-Regolament EuVECA se tiġi posposta sa Q3 2026; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tippermetti lil dawk li jfaddlu fuq livell personali jinvestu f'fondi alternattivi u tneħħi l-investiment minimu ta' EUR 100 000 mir-Regolament EuVECA; jitlob lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu inċentivi fiskali lill-Fondi ta' Kapital ta' Riskju li jinvestu fl-SMEs;

Or. en

Emenda 254

Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-mobilizzazzjoni tat-tfaddil għall-investimenti għandha timxi flimkien mal-ħolqien tal-ambjent dovut għall-SMEs u għall-iscale-ups Ewropej biex ikunu profittabbli biżżejjed, sabiex jinbena argument għall-vijabbiltà biex innies jinvestu flushom b'mod liberu f'kumpaniji Ewropej; jinnota, għalhekk, li l-appoġġ għall-produttività, l-innovazzjoni u l-kompetittività, u t-tnaqqis sinifikanti tal-piżijiet regolatorji, huma prekundizzjoni essenzjali biex jiġu sfruttati l-kapital privat u t-tfaddil;

Or. en

Emenda 255
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jinnota li r-rapport ta' Draghi jidentifika s-sottożvilupp ta' skemi ta' pensjoni pubbliċi, okkupazzjonali u privati prefinanzjati fl-Istati Membri tal-UE bħala fattur li jillimita b'mod sinifikanti l-iżvilupp tas-suq kapitali; jissottolinja li s-sistemi tal-pensjonijiet prefinanzjati, fejn kontribuzzjonijiet definiti jiġu investiti fis-swieq kapitali aktar milli distribwiti permezz ta' sistemi pay-as-you-go, huma kruċjali biex l-investimenti fit-tul jiġu diretti lejn l-ekonomija reali;

Or. en

Emenda 256
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Kummissjoni tipprijoritizza aġenda tas-CMU li ssostni l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tal-konsumatur, tiffavorixxi l-aċċess għall-kapital ta' riskju u l-investiment fl-ekwità u tnaqqas id-dipendenza żejda fuq is-self mill-banek, filwaqt li tipprovdi inċentivi ċari favur attivitajiet sostenibbli u lil hinn minn attivitajiet li jagħmlu ħsara sinifikanti lil wieħed mill-objettivi tat-tassonomija;

Or. en

Emenda 257
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Huwa tal-fehma li l-ftuħ tal-kapital privat u l-involviment aktar b'saħħtu tiegħu fl-investimenti huwa kompitu li jmur ferm lil hinn mill-qasam tar-regolamentazzjoni, li jirrikjedi bidla fid-drawwiet tat-tfaddil u tal-investiment, li min-naħa tagħhom jirrikjedu żieda sinifikanti fl-għarfien ekonomiku u s-sensibilizzazzjoni dwar dan il-qasam;

Or. en

Emenda 258
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jitlob li l-banek tal-iżvilupp Ewropej u nazzjonali jżidu s-self dirett u l-parteċipazzjoni fl-ekwità fl-SMEs, b'enfasi fuq il-finanzjament fi stadju bikri, u l-komunitajiet li mhumiex moqdija biżżejjed;

Or. en

Emenda 259
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar il-litteriżmu finanzjarju u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni f'dan l-aspett;	***imħassar***

Or. en

Emenda 260
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-	***imħassar***

Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar il-litteriżmu finanzjarju u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni f'dan l-aspett;

Or. en

Emenda 261
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar il-litteriżmu finanzjarju u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni f'dan l-aspett;	12. Jenfasizza ***bil-qawwa*** l-ħtieġa li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar il-litteriżmu finanzjarju u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-koordinazzjoni f'dan l-aspett; ***jisħaq fuq il-benefiċċji ta' litteriżmu finanzjarju mtejjeb sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji aktar infurmati b'mod indipendenti;***

Or. en

Emenda 262
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza l-ħtieġa li ***jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju*** taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar ***il-litteriżmu finanzjarju*** u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-	12. Jenfasizza l-ħtieġa li ***tittejjeb l-edukazzjoni finanzjarja*** taċ-ċittadini u l-intraprendituri tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-intraprenditorija fl-ambitu tal-istrateġija futura dwar ***l-edukazzjoni finanzjarja*** u f'sett ta' għodod għall-Istati Membri biex itejbu l-

koordinazzjoni f'dan l-aspett;	koordinazzjoni f'dan l-aspett;

Or. es

Emenda 263
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li titneħħa l-predispożizzjoni eżistenti favur id-dejn minflok l-ekwità fit-tassazzjoni korporattiva liema predispożizzjoni tixpruna l-ingranaġġ u tinkoraġġixxi l-użu ta' strumenti finanzjarji kumplessi, filwaqt li żżid ir-riskji sistemiċi fis-swieq kapitali; iqis li tali distorsjonijiet tat-taxxa għandhom jiġu indirizzati billi jiġi limitat it-tnaqqis tat-taxxa tal-imgħax, aktar milli jiġi introdott tnaqqis ġdid tat-taxxa korporattiva għall-kostijiet tal-ekwità, li jirriżulta f'telf akbar ta' dħul mit-taxxa fuq l-introjtu korporattiv mingħajr impatt reali fuq il-ħolqien tal-valur;

Or. en

Emenda 264
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja bil-qawwa li l-ħelsien mit-taxxa mmirat jirrappreżenta strument fundamentali favur l-iżvilupp, il-kompetittività u t-tkabbir dimensjonali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-iscale-ups; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tappoġġja u tinċentiva lill-Istati

Membri fl-implimentazzjoni ta' "politiki mingħajr tassazzjoni" strutturati u ambizzjuži, kif ukoll ta' piż fiskali u regolatorju eħfef f'setturi innovattivi u b'potenzjal għoli ta' tkabbir.

Or. it

Emenda 265
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal strateġija Ewropea li tappoġġja l-iżvilupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji kooperattivi u bbażati fil-komunità (eż. unjonijiet ta' kreditu, banek mutwalistiċi) bħala atturi ewlenin f'finanzjament inklużiv tal-SMEs u minħabba li dawn ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jaqdu lill-SMEs b'għarfien lokali u mandati soċjali;

Or. en

Emenda 266
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-finanzjament pubbliku ma jintużax bħala sussidji, iżda pjuttost bħala katalist biex jiġu mobilizzati l-investimenti privati u biex ikun hemm aktar finanzjament privat disponibbli għan-negozji; jenfasizza wkoll ir-rwol tal-inċentivi fiskali f'dan ir-rigward;	***imħassar***

Or. en

Emenda 267
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-finanzjament pubbliku ma jintużax bħala sussidji, iżda pjuttost bħala katalist biex jiġu mobilizzati l-investimenti privati u biex ikun hemm aktar finanzjament privat disponibbli għan-negozji; jenfasizza wkoll ir-rwol tal-inċentivi fiskali f'dan ir-rigward;	***imħassar***

Or. en

Emenda 268
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-finanzjament pubbliku ma jintużax bħala sussidji, iżda pjuttost bħala katalist biex jiġu mobilizzati l-investimenti privati u biex ikun hemm aktar finanzjament privat disponibbli għan-negozji; jenfasizza wkoll ir-rwol tal-inċentivi fiskali f'dan ir-rigward;	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom; jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' fallimenti tal-SMEs fl-UE[4];	16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom; ***jirrimarka li dan huwa wkoll riflessjoni ta' ambjent regolatorju fqir għall-kumpaniji żgħar u innovattivi;*** jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' fallimenti tal-SMEs fl-UE[4];
[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.	[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Or. en

Emenda 339
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej ***jispiċċaw jużaw kapitalisti*** ta' riskju ***bbażati f'pajjiżi*** mhux tal-UE ***u*** jistabbilixxu ***ruħhom*** fi swieq ***ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom***; jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' ***fallimenti tal-SMEs fl-UE[4]***;	16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej ***jiddependu fuq kapital*** ta' riskju ***u finanzjament fi stadju ta' tkabbir minn investituri*** mhux tal-UE ***li spiss iwassluhom biex*** jistabbilixxu ***kwartieri ġenerali jew preżenza kummerċjali jew jikkwotaw*** fi swieq ***barra mill-UE***; jesprimi tħassib dwar ***id-distakk persistenti fil-finanzjament għall-espansjoni ta' ditti***

	innovattivi u l-għadd dejjem jikber ta' ***SMEs li jwaqqfu l-attività tagħhom***;
[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.	

Or. en

Emenda 340
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom; ***jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' fallimenti tal-SMEs fl-UE[4];***	16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom;
[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.	

Or. en

Emenda 341
Billy Kelleher, Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom; jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' fallimenti tal-SMEs fl-UE[4];	16. Jiddispjaċih li ħafna negozji Ewropej jispiċċaw jużaw kapitalisti ta' riskju bbażati f'pajjiżi mhux tal-UE u jistabbilixxu ruħhom fi swieq ta' pajjiżi mhux tal-UE biex jespandu n-negozji tagħhom ***minħabba n-nuqqas ta' finanzjament għall-iscale-ups fl-UE***; jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' fallimenti tal-SMEs fl-UE[4];
[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.	[4] Katsinis, A., Lagüera-González, J., Di Bella, L., Odenthal, L., Hell, M., Lozar, B., "Annual Report on European SMEs 2023/2024", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

Or. en

Emenda 342
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar li l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) huwa programm ta' finanzjament Ewropew uniku mfassal biex jipprovdi start-ups tat-teknoloġija profonda b'punt uniku ta' servizz għall-finanzi biex jippermettilhom jiżviluppaw l-innovazzjoni tagħhom minn idea bikrija għal prodott kummerċjabbli, kif ukoll biex jespandu l-kumpanija; jinnota b'interess l-isforz biex jiġu kkomplementati InvestEU u l-Inizjattiva taċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija biex jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament ta' kumpaniji scale-ups fit-teknoloġija profonda, billi jsir investiment dirett fl-ekwità fis-setturi strateġiċi lil hinn mil-loġika attwali ta' intervent fl-ambitu tal-Aċċelleratur tal-

EIC; ifakkar fil-ħtieġa ta' trasparenza għolja, integrità, kif ukoll evitar ta' riskji ta' kunflitti ta' interess inerenti għal-loġika korrispondenti ta' intervent; jirrimarka t-tħassib li l-investiment ta' fondi pubbliċi tal-kontribwenti bi standards potenzjalment aktar baxxi ta' diliġenza dovuta jew b'tolleranza ta' riskju ogħla jeskludi l-investiment privat, u dan jista' jimmina l-prospetti fit-tul ta' start-ups u scale-ups fl-Unjoni; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tistabbilixxi governanza u tfassil tal-Fond għall-iscaleups TechEU li se jiżgura obbligu ta' rendikont pubbliku għoli, allinjament ma' standards etiċi għoljin u interess ġenerali Ewropew, filwaqt li jiġi attirat l-investiment privat; iqis li, fuq terminu twil, l-iżvilupp ta' firxa ta' strumenti maħsuba biex jagħmlu investiment dirett fl-ekwità f'setturi strateġiċi fil-livell tal-Unjoni jista' jkun kruċjali għas-sovranità teknoloġika u l-awtonomija strateġika tal-Ewropa, u se jirrikjedi bidla fil-mentalità u evoluzzjoni tas-sett ta' ħiliet fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, biex progressivament jitħaddnu l-mentalità u l-attitudni tal-investituri benevolenti u strateġiċi;

Or. en

Emenda 343
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza l-isfidi li jiltaqgħu magħhom start-ups u scale-ups Ewropej fl-aċċess għall-finanzjament, inklużi d-diffikultajiet biex jespandu malajr in-negozji madwar l-Ewropa; jirrikonoxxi l-ħtiġijiet ta' ekosistema ta' investiment li tindirizza l-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li

tissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja;

Or. en

Emenda 344
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li suq Ewropew għal tranżazzjonijiet sekondarji diretti, li jippermetti n-negozjar ta' ishma ta' start-ups fi stadju avvanzat u ta' qabel l-IPO, itejjeb l-ekosistema ta' finanzjament tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 345
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jenfasizza l-impatt sinifikanti li l-ħlasijiet tard għandhom fuq il-likwidità għal SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups; jinnota li s-soluzzjonijiet diġitali jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw aktar trasparenza tal-fatturi u ħlasijiet aktar mgħaġġla tal-fatturi;

Or. en

Emenda 346
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jisħaq li, fl-ekonomiji tas-suq, il-mekkaniżmu primarju biex jiffinanzja l-ħtiġijiet kapitali tan-negozji, inklużi dawk ta' start-ups u scale-ups, huwa permezz tas-swieq privati tad-dejn u ta' ekwità; iħeġġeġ it-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex timmobilizza l-kapital privat u ttejjeb il-moviment transfruntier ta' tali kapital fi ħdan l-Unjoni; jappella għal approċċ komprensiv għall-indirizzar tad-disparitajiet reġjonali u l-ostakli li jxekklu l-aċċess għall-finanzi fl-ekosistema Ewropea tal-istart-ups u scale-ups, li jirrikonoxxi x-xenarji finanzjarji differenti madwar l-Istati Membri u r-reġjuni;

Or. en

Emenda 347
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' start-ups u scale-ups innovattivi fil-programmi ta' finanzjament tal-UE u tiżgura aċċess aħjar u proċessi ta' applikazzjoni għall-programmi ta' finanzjament u l-offerti tal-UE; jirrikonoxxi x-xenarju finanzjarju attwali, li fih l-istart-ups jiffaċċjaw diffikultajiet fl-aċċess għal finanzjament immirat permezz ta' għotjiet, garanziji u self; jenfasizza l-ħtieġa li l-istruttura ta' finanzjament eżistenti tal-UE biex jiġu indirizzati aħjar l-ħtiġijiet ta' start-ups biex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju rilevanti ma jkunx soġġett għal pożijiet amministrattivi żejda;

Or. en

Emenda 348
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16e. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipprijoritizzaw l-investimenti fl-infrastruttura diġitali fiż-żoni urbani u rurali, billi jadottaw approċċ li jaħseb bil-quddiem u li jappoġġja t-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-istart-ups u l-iscale-ups u jsaħħaħ it-tmexxija diġitali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 349
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	***imħassar***

Or. en

Emenda 350
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	***imħassar***

Or. en

Emenda 351
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, ***hija kruċjali biex jitnaqqas*** id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, ***tista' potenzjalment tnaqqas*** id-distakk fl-espansjoni***; jenfasizza li l-investituri istituzzjonali, inklużi l-fondi tal-pensjonijiet, għandhom ikunu liberi li jinvestu fl-aħjar interess tal-pensjonanti u l-partijiet ikkonċernati tagħhom, u li l-impożizzjoni ta' investimenti għal proġetti u ditti Ewropej anqas profittabbli mhijiex sostenibbli***; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups; ***jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għandhom sistemi tal-pensjoni sottożviluppati jiżviluppaw setturi tal-pensjoni supplimentari (pilastru 2), li jaf jgħinu jibnu s-swieq ta' kapital ta' riskju;***

Or. en

Emenda 352
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups; ***għal dan il-għan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu r-rwol operazzjonali tal-Banek Nazzjonali tal-Iżvilupp, biex ikunu jistgħu jaġixxu bħala selliefa diretti għall-intrapriżi mikro u żgħar u mhux biss bħala intermedjarji finanzjarji, sabiex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet persistenti ta' nuqqas ta' investiment u ta' espansjoni fl-ekonomiji lokali;***

Or. en

Emenda 353
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li ***l-mobilizzazzjoni*** tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari ***l-kumpaniji*** tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet***, hija*** kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; ***jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi*** ta' kapital ta' riskju ***fl-Ewropa biex jiġi***	17. Jifhem li ***l-abilitazzjoni u l-inkoraġġiment*** tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari ***l-impriżi*** tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet ***okkupazzjonali, biex jinvestu fl-ekwitajiet huma*** kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; ***jirrikonoxxi l-benefiċċji ta'***

pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	***allokazzjonijiet ogħla fl-ekwitajiet u l-fondi ta' investiment mill-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet okkupazzjonali, fejn ikunu finanzjarjament sodi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi promoss qafas favorevoli għal finanzjament*** ta' kapital ta' riskju ***u investimenti diretti barranin sikuri fl-UE***;

Or. en

Emenda 354
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups;	17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej ***li jistgħu jservu ta' intermedjarji bejn il-klijenti u l-investituri individwali***, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota li hemm bżonn żieda fis-sehem tal-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa biex jiġi pprovdut aktar finanzjament lill-iscale-ups; ***jistieden lill-Kummissjoni Ewropea toħloq ambjent regolatorju li jippromwovi l-investimenti ta' ekwità minn investituri istituzzjonali;***

Or. en

Emenda 355
Billy Kelleher, Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet, hija kruċjali biex	17. Jifhem li l-mobilizzazzjoni tal-investituri istituzzjonali Ewropej, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni***, il-banek*** u l-fondi tal-pensjonijiet, hija

jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota ***li hemm bżonn żieda fis-sehem*** tal-fondi ta' kapital ta' riskju ***fl-Ewropa biex jiġi pprovdut*** aktar finanzjament lill-iscale-ups;	kruċjali biex jitnaqqas id-distakk fl-espansjoni; jinnota ***l-potenzjal*** tal-fondi ta' kapital ta' riskju***, ta' tkabbir u ta' ekwità privata fl-għoti ta'*** aktar finanzjament ***lill-SMEs u*** lill-iscale-ups ***u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra miżuri biex ittejjeb l-ambjent tal-investiment għall-fondi transfruntiera ta' kapital ta' riskju bħala parti mill-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investiment tagħha***;
	Or. en

Emenda 356
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li, minbarra li tiżgura l-funzjonament xieraq tas-suq intern, l-għajnuna mill-Istat tista' tkun strument strateġiku għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli tan-nisġa produttiva Ewropea; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-potenzjal tal-għajnuna mill-Istat fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp u r-reżiljenza ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u scale-ups, speċjalment f'setturi innovattivi u strateġiċi bħall-enerġija u t-teknoloġija, kif ukoll f'reġjuni żvantaġġati u anqas żviluppati tal-Unjoni;
	Or. it

Emenda 357
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-iżvilupp ta' swieq ta' tkabbir dedikati għall-SMEs u l-iscale-ups biex ittejjeb l-aċċess għas-swieq tal-ekwità pubblika għal kumpaniji innovattivi u tiffaċilita l-ħruġ għall-investituri; jappoġġja l-ħolqien ta' qafas għall-UE kollha għall-SMEs u l-espansjoni tal-boroż b'rekwiżiti ta' kwotazzjoni simplifikati u protezzjonijiet imsaħħa tal-investituri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea toħloq Fond tas-Suq tal-Ishma Totali tal-UE biex tidderieġi l-investimenti istituzzjonali fis-swieq tal-ekwità, inklużi l-istart-ups;

Or. en

Emenda 358
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq jiżguraw li l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-kwotazzjoni fil-Borża jkunu sempliċi kemm jista' jkun u li l-piżijiet jiġu minimizzati; ifakkar li l-Pakkett dwar il-kwotazzjoni fil-Borża ġie adottat f'April 2024, biex jiffaċilita l-kwotazzjoni ta' kumpaniji iżgħar; jinsab imħasseb dwar il-limitazzjonijiet li jipproteġu lill-azzjonisti l-ġodda li jistgħu jiġu adottati fid-diskrezzjoni nazzjonali li jistgħu jintroduċu ostakli għall-integrazzjoni tas-swieq kapitali;

Or. en

Emenda 359
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja li l-ekwità hija l-istrument ta' finanzjament ewlieni għal kumpaniji innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir, b'mod partikolari matul il-fażijiet bikrija u ta' espansjoni; ifakkar li d-disponibbiltà limitata ta' kapital ta' riskju f'ħafna Stati Membri u l-frammentazzjoni tas-swieq kapitali Ewropej jillimitaw il-kompetittività tan-nisġa kummerċjali tal-UE;

Or. es

Emenda 360
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza li l-offerti pubbliċi inizjali (IPOs) huma strateġija ta' ħruġ importanti għall-intraprendituri; iqis li suq vibranti tal-IPOs huwa pedament għal ekosistema ta' finanzjament li tiffunzjona tajjeb li twassal għal kumpaniji ġodda u innovattivi;

Or. en

Emenda 361
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Ifakkar li l-aċċess għas-swieq kapitali, inkluż kemm is-swieq tad-dejn kif ukoll dawk tal-ekwità, jinvolvi spejjeż sinifikanti għall-SMEs; jenfasizza li l-qafas tal-kwotazzjoni tal-UE jrid ikun flessibbli u proporzjonat; jilqa' l-adozzjoni tal-Att dwar il-kwotazzjoni tal-SMEs u jitlob li tiġi implimentata minnufih; jisħaq li l-kumpaniji jiddeċiedu li jikkwotaw fil-borża biss jekk l-iżvelar, ir-responsabbiltà u l-pożizzjonijiet amministrattivi jkunu raġonevoli u maniġġabbli; jirrimarka li dan japplika wkoll għal rekwiżiti ta' segwitu għall-kumpaniji kkwotati;

Or. en

Emenda 362
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jisħaq li, sabiex jiġi attirat aktar kapital ta' riskju u jitħeġġeġ l-investiment f'kumpaniji innovattivi, il-mekkaniżmi ta' ħruġ għall-investituri (ħruġ mill-borża, akkwiżizzjonijiet transfruntiera, eċċ.) jeħtieġ li jittejbu permezz ta' qafas Ewropew ta' kwotazzjoni u fużjonijiet aktar armonizzat u aċċessibbli;

Or. es

Emenda 363
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jinnota li r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji (MiFID II) tipprevedi kategorija ddedikata ta' Swieq tat-Tkabbir tal-SMEs li suppost jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kumpaniji iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli tiżviluppa dan l-istrument billi tipprovdi reġim regolatorju aktar flessibbli li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-kumpaniji żgħar u b'kapitalizzazzjoni medja;

Or. en

Emenda 364
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jitlob rieżami rapidu u ambizzjuż tar-Regolament dwar il-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (EuVECA); jenfasizza li tali rieżami għandu jinkludi twessigħ tal-kamp tal-applikazzjoni tal-assi u l-istrateġiji investibbli;

Or. en

Emenda 365
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 366
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 367
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat;	18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat; ***jitlob li l-Inizjattiva tać-Champions Ewropej tat-Teknoloġija 2.0 imħabbra fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti żżid il-mezzi finanzjarji tagħha biex tappoġġja l-finanzjament tal-UE u l-kwotazzjoni tal-istart-ups;***

Or. en

Emenda 368
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat;	18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pjattaformi ta' koinvestiment bħala mezz biex jiġi attirat l-investiment privat; ***jappoġġja l-isforzi biex jissaħħu l-pjattaformi ta' koinvestiment ankrati reġjonalment u n-networks ta' investituri informali bħala mezz biex jittejjeb l-aċċess għall-ekwità għall-SMEs b'rata għolja ta' tkabbir u xprunati mill-innovazzjoni, li jgħinu biex jiġu indirizzati d-distakki persistenti fil-finanzjament fi stadju bikri;***
	Or. en

Emenda 369
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jissottolinja li l-appoġġ għall-SMEs huwa objettiv ewlieni għall-Grupp BEI; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi adottat qafas ta' valutazzjoni tar-riskju aktar flessibbli biex jappoġġja aħjar ukoll proġetti u intrapriżi fuq skala iżgħar, li huma essenzjali għat-tisħiħ tal-kompetittività u t-trawwim ta' żvilupp ekonomiku inklużiv fl-Istati Membri kollha; jisħaq li aċċess akbar għall-kreditu, il-ħolqien ta' strumenti finanzjarji mfassla apposta u investimenti mmirati fl-SMEs jista' jkollhom impatt pożittiv mifrux billi jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika tal-Unjoni; jistieden lill-BEI jipprovdi aktar finanzjament fl-investimenti privati; jistieden lill-Grupp tal-BEI jżid b'mod sinifikanti s-sehem tal-finanzjament annwali tiegħu allokat għall-investimenti tas-settur privat, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol vitali tagħhom fl-ixprunar tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-avvanz teknoloġiku fl-Unjoni Ewropea;
	Or. en

Emenda 370
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jaqbel mal-komunikazzjoni tal-Unjoni għat-Tfaddil u l-Investimenti dwar l-importanza ta' appoġġ finanzjarju pubbliku fil-livell tal-UE għall-finanzjament ta' kumpaniji li qed jikbru; f'dan ir-rigward, jitlob orjentazzjoni mill-ġdid tal-fondi tal-UE b'anqas programmi u aktar flessibbiltà biex il-flus jiġu ttrasferiti bejn il-prijoritajiet maż-żmien; jirrakkomanda skemi ta' finanzjament iddedikati għal "kumpaniji scale-ups tat-teknoloġija";

Or. en

Emenda 371
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva IORP II li għandha l-għan li timmobilizza b'mod partikolari l-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet biex iżżid is-sehem ta' investiment tagħhom fil-fondi ta' kapital ta' riskju fl-Ewropa ħalli tipprovdi aktar finanzjament lill-istart-ups u lill-iscale-ups; l-involviment tal-investituri istituzzjonali huwa essenzjali biex jitnaqqsu d-distakki fl-espansjoni u fl-investiment fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 372
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jilqa' t-tnedija li jmiss tal-Pjattaforma TechEU tal-Bank Ewropew tal-Investiment u jenfasizza l-potenzjal tagħha li tindirizza d-distakki kritiċi fil-finanzjament li jiffaċċjaw l-iscale-ups fis-settur tat-teknoloġija; jistieden lill-Grupp tal-BEI jiżgura li l-Pjattaforma TechEU tkun aċċessibbli b'mod wiesa' fl-Istati Membri kollha, inkluż permezz ta' proċeduri simplifikati, biex jiġi żgurat li tattira t-talent, l-investiment u l-kapital fl-Istati Membri kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 373
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-dižinċentivi regolatorji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 374
Damian Boeselager

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 375
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji***;	19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; ***jirrimarka li l-investimenti diretti fl-SMEs u l-iscale-ups spiss ikunu diffiċli għall-investituri individwali għal raġunijiet ta' aċċess u diversifikazzjoni u li l-intermedjarji bħall-impriżi tal-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjonijiet għandhom rwol ewlieni f'dan l-aspett***;

Or. en

Emenda 376
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u ***telimina d-diżinċentivi regolatorji***;	19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u ***tiżgura li l-investituri individwali jkunu protetti b'mod adegwat meta jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment***;

Or. en

Emenda 377
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li t-tfaddil ***taċ-ċittadini jiġi dirett*** lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi ***kanali*** ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji;	19. Jenfasizza l-importanza li ***jinħolqu l-kundizzjonijiet t-tajba għaċ-ċittadini biex jidderieġu*** t-tfaddil ***tagħhom*** lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-SMEs u għall-iscale-ups; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi ***prodotti*** ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji;

Or. en

Emenda 378
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza l-importanza li ***t-tfaddil taċ-ċittadini jiġi dirett lejn strumenti ta' investiment produttiv li jistgħu jkunu*** ta' benefiċċju għall-SMEs u ***għall-iscale-ups***;	19. Jenfasizza l-importanza li ***tiżdied il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi individwali fis-swieq kapitali, li tista' tkun*** ta' benefiċċju għall-SMEs u ***l-iscale-ups***;

iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji;	iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi kanali ta' investiment bl-imnut sempliċi u siguri u telimina d-diżinċentivi regolatorji;

Or. en

Emenda 379
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jirrieżaminaw il-qafas regolatorju u prudenzjali fi kwistjonijiet finanzjarji sabiex itejbu l-aċċess għall-kreditu bankarju għall-SMEs u l-iscale-ups, filwaqt li jiżguraw bilanċ aħjar bejn l-istabbiltà finanzjarja u l-appoġġ għall-ekonomija reali; jenfasizza r-rwol kruċjali li għandhom il-"banek lokali" u l-kooperattivi tal-kreditu, li għandhom għeruq fondi fin-nisġa produttiva lokali, fil-valutazzjoni tas-soliditàtal-SMEs u l-prossimità tagħhom għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; jitlob li dawn l-atturi jiġu vvalutati u mhux penalizzati fil-qafas tar-regolamenti Ewropej, u li jiffavorixxu sistema finanzjarja aktar inklużiva u orjentata lejn l-iżvilupp.

Or. it

Emenda 380
Billy Kelleher, Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza l-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess

Uniku Ewropew (ESAP) li se joħloq bażi tad-data madwar l-UE kollha u li tista' titfittex faċilment ta' data ta' rapportar finanzjarju u mhux finanzjarju u li tibda topera mill-2027; jinnota li r-Regolament dwar l-ESAP jippermetti li l-SMEs jissottomettu b'mod volontarju l-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja tagħhom għal din il-bażi tad-data ċentralizzata, sabiex tiżdied il-viżibbiltà tagħhom lejn investituri potenzjali; iħeġġeġ lill-SMEs u lill-iscale-ups jeżerċitaw din is-sottomissjoni volontarja;

Or. en

Emenda 381
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni, kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Start-up u Scale-up tat-28 ta' Mejju, li tiżviluppa qafas għall-valutazzjoni tal-proprjetà intellettwali (PI) għall-finanzjament appoġġjat mill-PI; jistieden lill-Kummissjoni tikkomplementa dan billi tistabbilixxi strument ta' garanzija pan-Ewropea għas-self appoġġjat mill-PI tal-SMEs; iqis tali strument ta' garanzija għall-konsiderazzjoni taħt it-28 reġim li ġej;

Or. en

Emenda 382
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv u għodod teknoloġiċi ġodda, bħal kuntratti intelliġenti u finanzjament deċentralizzat, biex jespandu l-aċċess tal-SMEs għal finanzjament mhux intermedjat; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-qafas regolatorju tagħha b'approċċ ibbażat fuq l-innovazzjoni u r-riskju proporzjonat;

Or. es

Emenda 383
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jitlob li jitħaffef l-iżvilupp ta' swieq ta' kapital ta' riskju (KR) tal-UE u ta' ekwità privata billi tiżdied id-disponibbiltà ta' finanzjament għall-investimenti tal-KR, jiġu żviluppati fondi akbar fi stadju avvanzat tal-KR, programmi pubbliċi għal investimenti mill-KR u l-investituri informali, u swieq tal-IPOs attivi għal kumpaniji appoġġjati mill-KR;

Or. en

Emenda 384
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-iżvilupp

ta' pjattaformi ta' investiment pan-Ewropej u strumenti ta' finanzjament transfruntiera mfassla għall-SMEs u l-iscale-ups, speċjalment dawk li joperaw f'setturi mmexxija mill-innovazzjoni u ekoloġiċi;

Or. en

Emenda 385
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jinnota li anke l-livell limitu ta' finanzjament nazzjonali, applikabbli wkoll għal banek kooperattivi iżgħar, jista' joħloq limitu ta' finanzjament għall-intrapriżi start-up; dawn il-limiti għandhom jiġu riveduti;

Or. en

Emenda 386
Billy Kelleher, Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jenfasizza l-impenn li sar mill-President tal-Kummissjoni fil-Linji Gwida Politiċi tagħha għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029[1a], u mtenni fl-ittra ta' missjoni lill-Kummissjoni Albuquerque[1b], li taħdem fuq miżuri ta' assorbiment tar-riskju ħalli jiġi attirat finanzjament privat minn banek kummerċjali, investituri u kapital ta' riskju li jespandu l-opportunitajiet ta' finanzjament għal kumpaniji innovattivi ġodda jew li qed jikbru malajr;

[1a] ***Diskors imwassal mill-President Von Der Leyen, "L-Għazla quddiem l-Ewropa: Linji Gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029, 18 ta' Lulju 2024, Strażburgu, https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt?filename=Political%20Guidelines%202024-2029_MT.pdf***

[1b] ***https://commission.europa.eu/document/download/ac06a896-2645-4857-9958-467d2ce6f221_mt?filename=Mission%20letter%20-%20ALBUQUERQUE.pdf***

Or. en

Emenda 387
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 388
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 389
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu;	20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu; ***jisħaq ukoll il-valur miżjud tal-komunitajiet tan-negozju li jinkoraġġixxu l-iskambju ta' esperjenzi, it-tagħlim bejn il-pari u t-tixrid ta' prattiki tajba; jenfasizza r-rwol li l-forums tal-intraprendituri, l-aċċeleraturi privati u n-networks ta' mentors jista' jkollhom fl-appoġġ tat-tkabbir ta' proġetti tan-negozju ġodda;***

Or. es

Emenda 390
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu;	20. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u kapitalisti ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq inizjattivi bħan-Network ta' Investituri ta' Fiduċja li għandu l-għan li jimmobilizza l-kapital privat fuq skala kbira b'appoġġ għall-ambizzjonijiet ta' innovazzjoni tal-Ewropa;***
	Or. en

Emenda 391
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju u valutazzjoni tal-impatt dwar modi ġodda ta' provvista ta' finanzjament mill-bejgħ ta' ishma lil dawk l-SMEs li huma kapaċi jibbenefikaw minnu bis-saħħa tad-daqs jew il-prospetti ta' tkabbir tagħhom; studju bħal dan għandu jeżamina opzjonijiet bħal, fost l-oħrajn, il-ħolqien ta' Fond għall-offerti inizjali lill-pubbliku (IPO) pubbliku-privat pan-Ewropew jew l-espansjoni tal-finanzjament intermedju;
	Or. en

Emenda 392
Anouk Van Brug, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jespandu l-parteċipazzjoni fl-iskemi tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru u jidderieġu sehem minn dawn l-assi fit-tul f'fondi ta' kapital ta' riskju kif ukoll ta' tkabbir, u b'hekk tinħoloq bażi ta' investituri lokali stabbli u kostanti għall-kumpaniji li qed jespandu, li tista' tinkiseb ukoll permezz ta' reġistrazzjoni awtomatika;

Or. en

Emenda 393
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jinnota li l-inizjattiva tat-28 reġim li jmiss, ippjanata mill-Kummissjoni Ewropea, għandha l-potenzjal li tissimplifika l-ħidma tal-investituri privati u tattira aktar kapital fi start-ups u f'SMEs innovattivi Ewropej;

Or. en

Emenda 394
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva fl-UE	***imħassar***

Or. en

Emenda 395
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-tisħiħ ta' ekosistema kompetittiva fl-UE	***imħassar***

Or. en

Emenda 396
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 397
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji	***imħassar***

tagħhom dinamiċi u attraenti;

Or. en

Emenda 398
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 399
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 400

Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol ***importanti*** fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri ***fil-livell tal-UE*** u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti; ***jissottolinja madankollu li s-suq kapitali tal-UE bħalissa għadu frammentat ħafna tul il-fruntieri nazzjonali, u dan joħloq ineffiċjenzi u jillimita lill-operaturi tas-suq milli jisfruttaw il-benefiċċji sħaħ tas-Suq Uniku u l-effett ta' skala ta' suq aktar integrat;***

Or. en

Emenda 401
Arba Kokalari

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa soluzzjonijiet, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, li jibnu fuq l-aħjar prattiki u fuq is-swieq diġà żviluppati sew u li jiffunzjonaw tajjeb f'xi Stati Membri;***

Or. en

Emenda 402
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE ***trid tkun magħmula minn*** swieq nazzjonali b'saħħithom ***u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti***;	21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE ***għandha tibni fuq*** swieq nazzjonali b'saħħithom***, iżda jenfasizza li dawn m'għandhomx isiru ostakli għall-allokazzjoni transfruntiera effiċjenti tal-kapital u lanqas ġustifikazzjoni għall-prijoritizzazzjoni tal-oriġini ġeografika tal-kapital; jinsisti li l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament għandu jkun iggwidat mill-kriterji tal-effiċjenza, l-iskalabbiltà u l-profil tar-riskju***;

Or. es

Emenda 403
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE ***trid tkun*** magħmula minn swieq ***nazzjonali*** b'saħħithom u li ***d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta'*** kompetizzjoni b'saħħitha ***bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu*** l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE ***hija*** magħmula minn swieq b'saħħithom u li kompetizzjoni b'saħħitha ***tinċentiva kumpaniji biex jinnovaw u jżommu*** l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;

Or. en

Emenda 404
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva ***fl-UE trid tkun magħmula minn swieq nazzjonali b'saħħithom u li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta'*** kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u ***fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti***;	21. Iqis li ekosistema ***Ewropea*** kompetittiva ***għandha tibni fuq is-saħħa tad-dinamika; jissottolinja li d-diversità regolatorja, meta tkun ibbilanċjata mal-interoperabbiltà u l-istandards komuni, tista' trawwem*** kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u ***tinċentiva l-innovazzjoni u l-investiment fil-livell nazzjonali***;

Or. en

Emenda 405
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn ***swieq nazzjonali b'saħħithom u*** li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;	21. Iqis li ekosistema kompetittiva fl-UE trid tkun magħmula minn ***suq intern b'saħħtu filwaqt*** li d-differenzi nazzjonali għandhom rwol importanti fit-trawwim ta' kompetizzjoni b'saħħitha bejn l-Istati Membri u fl-inċentivar tagħhom biex iżommu l-ekonomiji tagħhom dinamiċi u attraenti;

Or. en

Emenda 406
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jilqa' l-ħolqien tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li

għandu l-għan li jappoġġja, permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji, start-ups u scale-ups innovattivi; jappella biex il-Fond tal-EIC jagħti attenzjoni speċjali lill-bilanċ ġeografiku; jilqa' l-pjan ta' azzjoni ta' twessigħ tal-EIC u l-għan ġenerali li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jitwessgħu għal sehem ta' mill-anqas 15 % tal-finanzjament fl-istrumenti kollha tal-EIC, kif inhu rakkomandat mill-Bord tal-EIC; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet rakkomandati mill-Bord tal-EIC sabiex tiżgura li l-Fond tal-EIC ikollu impatt tassew Ewropew;

Or. en

Emenda 407
Marlena Maląg
f'isem il-Grupp ECR

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi l-benefiċċji ta' inċentivi fiskali u kompetizzjoni fiskali b'saħħitha, speċjalment fil-qasam tal-innovazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda; jenfasizza li l-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa hija differenti minn prattiki tat-taxxa dannużi u trid tkun ibbażata fuq regoli ċari, trasparenti u ġusti;

Or. en

Emenda 408
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' prodott pan-Ewropew ta' investiment għall-konsumaturi individwali biex jiġi mobilizzat it-tfaddil tal-unitajiet domestiċi għal investiment produttiv fl-SMEs u l-iscale-ups, jitlob regoli armonizzati biex jiġi ffaċilitat l-investiment transfruntier u l-iżvilupp ta' swieq ta' tkabbir iffukati fuq l-SMEs;

Or. en

Emenda 409
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja l-possibbiltajiet ta' miżuri li jistgħu jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ta' banek iżgħar fi strumenti ta' finanzjament alternattivi, bħall-fondi ta' kapital ta' riskju u ta' ekwità privata;

Or. en

Emenda 410
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni jkun attur kredibbli fis-suq; ifakkar li l-investimenti tal-EIC għandu jkollhom l-għan li jattiraw lill-investituri privati aktar milli jimbuttawhom; fid-dawl tal-attività li qed tiżdied tal-EIC, jitlob strateġija ċara dwar

il-ġestjoni tal-Fond tal-EIC, inkluż fir-rigward tal-metodi u l-kriterji għall-allokazzjoni tal-kapital u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġers tal-fondi; japprezza d-diliġenza dovuta ta' kwalità għolja mwettqa mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li din il-kwalità tinżamm, f'konformità mal-istandards tas-suq;

Or. en

Emenda 411
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Iħeġġeġ lill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), inkluż il-Fond Ewropew tal-Investiment, u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp biex jesploraw l-appoġġ finanzjarju lil SMEs, lil start-ups u lil scale-ups, inklużi dawk li joperaw f'setturi emerġenti u b'potenzjal għoli, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija u tar-reżiljenza għall-klima tal-UE u t-trasformazzjoni diġitali; josserva li ħafna start-ups mhumiex konxji biżżejjed mill-offerti tal-BEI u jenfasizza li komunikazzjoni aħjar u sforzi ta' sensibilizzazzjoni mill-BEI huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-istart-ups u l-iscale-ups jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-istrumenti u l-appoġġ finanzjarju tal-BEI;

Or. en

Emenda 412
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li l-Grupp tal-BEI għandu rwol kruċjali fil-forniment ta' strumenti finanzjarji u riżorsi biex jappoġġjaw lil start-ups u lil scale-ups kif ukoll lill-SMEs ta' teknoloġija nadifa madwar l-Unjoni; iħeġġeġ appoġġ dedikat għas-self tal-BEI għal SMEs, l-istart-ups u l-iscale-ups involuti fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali biex jindirizzaw id-distakk fil-finanzjament għall-investimenti fl-infrastruttura u l-kapaċità tal-manifattura;

Or. en

Emenda 413
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jirrikonoxxi li, skont il-Deep Tech Finder tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, aktar minn 10 % tal-istart-ups Ewropej li applikaw għal privattivi Ewropej diġà bbenefikaw mill-finanzjament tal-EIC; huwa konvint mill-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tal-proprjetà intellettwali; huwa tal-fehma li r-riforma tal-Privattiva Unitarja hija eżempju tajjeb li għandha l-għan li tipprovdi protezzjoni uniformi fil-pajjiżi parteċipanti kollha, fuq bażi ta' punt uniku ta' servizz, billi tnaqqas il-pożijiet amministrattivi u tiżgura l-konsistenza fil-ġurisprudenza; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi biex jagħmlu dan għall-benefiċċju tal-ekosistema ta' start-ups; s'issa, aktar minn 35 % tal-

applikanti li talbu privattiva unitarja huma SMEs, meta mqabbla ma' 20 % għal privattivi Ewropej ordinarji.

Or. en

Emenda 414
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Jirrikonoxxi li meta mqabbla mal-kisba ta' privattivi uniċi multipli, il-privattiva unitarja, valida fl-Istati Membri parteċipanti kollha, toffri tnaqqis sinifikanti fl-ispejjeż ta' madwar 30 % għall-applikanti; bħalissa, l-ispiża għall-kisba tal-privattiva unitarja valida għat-18-il Stat Membru parteċipanti kollha hija ekwivalenti għall-kisba ta' privattiva f'erba' Stati Membri differenti, qabel l-introduzzjoni tal-privattiva unitarja fl-2023;

Or. en

Emenda 415
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Huwa konvint li l-ħolqien tal-kundizzjonijiet għan-negozji innovattivi biex joperaw f'ambjent sempliċi, ċar u prevedibbli huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jikbru u jespandu fis-suq uniku, peress li l-opportunità li jkollhom aċċess għal suq usa' se żżid il-kapaċità tagħhom li jattiraw l-investituri; jisħaq fuq l-importanza ta'

oqfsa ta' politika li jiffaċilitaw u jappoġġjaw il-kollaborazzjoni, billi jneħħu l-ostakli li jirriżultaw minn reġimi regolatorji nazzjonali inkonsistenti u jipprovdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu parteċipazzjoni attiva mill-partijiet ikkonċernati kollha fi ħdan l-ekosistema tal-innovazzjoni; jitlob li jkun hemm mekkaniżmi biex jittaffew ir-riskji assoċjati mal-espansjoni internazzjonali biex jiġi żgurat li l-istart-ups, l-iscale-ups u l-SMEs ikollhom l-appoġġ u l-gwida meħtieġa biex jinnavigaw l-inċertezzi inerenti fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 416
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Jilqa' l-ħatra tar-Rappreżentant tal-UE għall-SMEs; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li dan ir-Rappreżentant jagħmel analiżi komprensiva u joħroġ rapporti perjodiċi dwar l-istatus ta' start-ups u scale-ups Ewropej, li jinkludu l-ostakli u l-problemi ta' kuljum tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħtar punti ta' kuntatt għall-istart-ups u l-iscale-ups fid-direttorati ġenerali rilevanti biex jikkoordinaw aħjar politiki ddedikati; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi network dedikat ta' konsulenti għal scale-ups bħala parti min-Network Enterprise Europe;

Or. en

Emenda 417
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Jenfasizza l-importanza fundamentali li tinħoloq ekosistema inklużiva ta' start-ups, scale-ups u SMEs li tipprovdi impjiegi b'opportunitajiet ekwi għal kulħadd, inklużi ż-żgħażagħ, il-professjonisti stabbiliti u l-gruppi sottorappreżentati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu inizjattivi u politiki proattivi li jippromwovu l-inklussività b'mod attiv, billi jindirizzaw l-ostakli u l-preġudizzji sistemiċi u billi jrawmu kundizzjonijiet ekwi għall-gruppi sottorappreżentati; jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ rilevanti, opportunitajiet ta' networking u inizjattivi edukattivi u oħrajn li jimmiraw speċifikament gruppi sottorappreżentati;

Or. en

Emenda 418
Tsvetelina Penkova, Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21j (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21j. Jirrakkomanda li jissaħħu l-ekosistemi reġjonali ta' start-ups li jiġbru flimkien universitajiet, intraprendituri, kumpaniji u entitajiet tas-settur pubbliku lokali, inkluż permezz ta' ċentri ta' innovazzjoni, inkubaturi, aċċeleraturi u negozji li joħolqu kumpaniji ġodda, biex jisfruttaw is-saħħiet u r-riżorsi ta' kull reġjun;

Or. en

Emenda 419
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, fir-rigward tas-sussidjarjetà;	***imħassar***

Or. en

Emenda 420
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, fir-rigward tas-sussidjarjetà;	***imħassar***

Or. en

Emenda 421
Jonás Fernández, Tsvetelina Penkova

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti	***imħassar***

għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, fir-rigward tas-sussidjarjetà;

Or. en

Emenda 422
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, fir-rigward tas-sussidjarjetà;	***imħassar***

Or. en

Emenda 423
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq ***il-kundizzjonijiet abilitanti*** għas-swieq***, id-denominaturi*** komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari***,*** fir-rigward tas-sussidjarjetà;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq ***it-tneħħija tal-ostakli tas-suq uniku, filwaqt li tippermetti kundizzjonijiet ta' qafas armonizzati*** għas-swieq ***u d-denominaturi*** komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari ***u*** fir-rigward tas-sussidjarjetà ***u l-prinċipju ta' awtotrażżin***;

Or. en

Emenda 424
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, ***fir-rigward tas-sussidjarjetà***;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari, ***minbarra l-inizjattivi tagħha biex tiżviluppa l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti***;

Or. en

Emenda 425
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari***, fir-rigward tas-sussidjarjetà***;	22. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kundizzjonijiet abilitanti għas-swieq, id-denominaturi komuni rilevanti għall-Istati Membri u l-oqfsa volontarji u komplementari;

Or. en

Emenda 426
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jappella bil-qawwa għall-adozzjoni ta' strateġija komprensiva u strutturata fil-livell tal-Unjoni biex tappoġġja lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jinsabu f'żoni insulari, żoni

interni, reġjuni ultraperiferiċi, żoni ekonomikament depressi u l-partijiet kollha tal-Unjoni li jbatu minn żvantaġġi naturali permanenti bħall-insularità u l-pożizzjoni ġeografika periferika; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata flessibbiltà regolatorja akbar u tnaqqis fil-burokrazija żejda għall-kumpaniji li joperaw f'dawn l-oqsma, b'enfasi partikolari fuq il-kuntesti insulari u l-aktar fraġli tal-UE.

Or. it

Emenda 427
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa u timplimenta strumenti finanzjarji mmirati mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ekonomiji u intrapriżi iżgħar, filwaqt li tiżgura aċċess ekwu għall-opportunitajiet ta' finanzjament; jenfasizza li inizjattivi bħal dawn għandu jkollhom l-għan li jistimulaw l-innovazzjoni, jappoġġjaw it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, u jnaqqsu d-disparitajiet fl-investiment madwar l-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività u r-reżiljenza ġenerali tal-ekonomija Ewropea;

Or. en

Emenda 428
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Iħeġġeġ il-preservazzjoni ta' mekkaniżmi ta' infurzar armonizzati u standards minimi għal sanzjonijiet madwar l-Istati Membri biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-SMEs li joperaw b'mod transfruntier fis-Suq Uniku;

Or. en

Emenda 429
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jitlob it-tneħħija tal-ostakli għall-investiment transfruntier u t-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-SMEs kemm għas-swieq tal-ekwità kif ukoll għal dawk tad-dejn;

Or. en

Emenda 430
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 431
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 432
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t***-28 reġim ***legali u jfakkar li dan irid ikun*** volontarju ***u*** jirrispetta ***bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri***;	23. ***Jilqa' r-Rapport ta' Letta u r-referenza għat***-28 reġim volontarju ***li se jiffoka fuq l-attrazzjoni u ż-żamma ta' start-ups innovattivi fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li r-reġim għandu*** jirrispetta ***l-prinċipju tas-sussidjarità, inaqqas l-ispejjeż ta' konformità, irawwem l-investiment transfruntier, u jinkludi regoli tat-taxxa li huma attraenti, sempliċi, u jimminimizzaw id-distorsjonijiet filwaqt li jkompli bil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa***; ***jenfasizza li l-konformità ma' dawn il-prinċipji hija kruċjali biex l-UE ssir ċentru ewlieni għall-investiment u l-innovazzjoni;***

Or. en

Emenda 433
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u ***jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati*** Membri;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u ***tivvaluta l-użu u l-impatt potenzjali ta' tali reġim; jemmen li l-Kummissjoni m'għandhiex issegwi b'mod indefinit l-approċċ tal-UE27 għall-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti, peress li huwa importanti wisq għall-kompetittività tal-UE biex jiġi pospost; jisħaq li għandu jkun possibbli li l-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti titmexxa 'l quddiem ma' grupp iżgħar ta' Stati*** Membri***, jew ma' koalizzjoni ta' dawk li jixtiequ***;

Or. en

Emenda 434
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri; ***ifakkar f'dan ir-rigward li s-settur privat huwa essenzjali għall-iżvilupp u li għalhekk għandu jkun prijorità li wieħed jisma' l-ħtiġijiet tiegħu sabiex ma jinħolqux pożijiet akbar jew inċertezza leġiżlattiva;***

Or. es

Emenda 435
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim ***legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim ***u tesplora aktar il-valur miżjud li jista' jġib għall-ħolqien ta' ekosistema ta' finanzjament tal-SMEs aktar armonizzata li tkun attraenti għall-investiment kapitali Ewropew u barrani***;

Or. es

Emenda 436
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t***-28 reġim ***legali u jfakkar li dan irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tadotta proposta ambizzjuża dwar it***-28 reġim ***biex tgħin lill-istart-ups isiru champions Ewropej tat-teknoloġija u tingħata spinta lill-kompetittività globali tagħhom***;

Or. en

Emenda 437
Jonás Fernández

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex ***se*** jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u ***jfakkar*** li dan ***irid ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex ***jista'*** jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u ***javża dwar ir-riskju ta' frammentazzjoni*** li dan ***jaf jimplika***;

Or. en

Emenda 438
Anouk Van Brug, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Gilles Boyer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ***ikun volontarju u jirrispetta bis-sħiħ ir-reġimi tal-Istati Membri***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara fiex se jkun jikkonsisti t-28 reġim legali u jfakkar li dan irid ***iżid valur miżjud ċar fil-livell tal-UE***;

Or. en

Emenda 439
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jenfasizza li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu rwol deċiżiv fl-iżvilupp tas-swieq ta' kapital ta' riskju tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-BEI jieħdu azzjoni biex irawmu l-involviment tal-investituri istituzzjonali fil-kapital ta' riskju billi jgħinuhom jibnu għarfien espert fil-kapital ta' riskju; jitlob, għalhekk, lill-Grupp tal-BEI joħloq Forum Ewropew tat-Teknoloġija, li jiġbor l-ekosistema kollha tal-kapital ta' riskju, biex isaħħaħ s-sensibilizzazzjoni u l-involviment mal-investituri istituzzjonali fuq il-mudell tal-Inizjattiva "Tibi"; jitlob lill-BEI joffri l-possibbiltà lil tali investituri li jissieħbu fi skema ta' koinvestiment bejn l-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) u investituri istituzzjonali, skont termini trasparenti u miftiehma minn qabel; jissottolinja li komunikazzjoni u sforzi ta'

sensibilizzazzjoni aħjar huma meħtieġa mill-BEI biex jiżgura li l-istart-ups u l-iscale-ups jibbenefikaw bis-sħiħ mill-istrumenti u l-appoġġ finanzjarju tal-BEI;

Or. en

Emenda 440
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika r-regoli nazzjonali dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-protezzjoni tal-investituri tal-fondi ta' kapital ta' riskju; jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali huma diffiċli biex jinbidlu; jipproponi biex isir użu mit-28 reġim futur biex jiġi integrat qafas pan-Ewropew ta' kapital ta' riskju bħala parti minn dan;

Or. en

Emenda 441
Gaetano Pedulla'

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament	***imħassar***

nazzjonali;

Or. en

Emenda 442
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 443
Gilles Boyer, Billy Kelleher, Stéphanie Yon-Courtin, Pascal Canfin, Anouk Van Brug

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali;	24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali***, filwaqt li tistenna konverġenza fil-livell tal-UE***

dwar il-frammentazzjoni attwali tal-liġijiet dwar l-insolvenza bejn l-Istati Membri*; *jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod urġenti din il-problema sinifikanti, kif enfasizzat fir-rapporti ta' Draghi u Letta, u tirrifletti r-rwol importanti li dan ikollu fil-ħolqien ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti;

Or. en

Emenda 444
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali;	24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali; ***jitlob aktar appoġġ biex jissaħħu l-kapaċitajiet diġitali, finanzjarji u relatati mas-sostenibbiltà tal-SMEs, inkluż permezz ta' ċentri ta' konsulenza, għodod ta' gwida simplifikati, pjattaformi ta' navigazzjoni online, u programmi ta' taħriġ transfruntiera;***

Or. en

Emenda 445
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali;	24. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali ***u twaqqaf punti uniċi ta' servizz għal dawk il-kumpaniji*** għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi korporattiva, il-liġi tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali;

Or. en

Emenda 446
Dirk Gotink

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni ***biex, bl-appoġġ tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tiżviluppa linji gwida kummerċjali għall-SMEs u għall-iscale-ups sabiex tgħinhom jinnavigaw sistemi legali differenti fl-UE kollha dwar kwistjonijiet bħal-liġi*** korporattiva, il-liġi ***tax-xogħol, il-liġi dwar l-insolvenza, il-liġi tat-taxxa, id-drittijiet*** tal-proprjetà intellettwali ***u l-possibbiltajiet ta' finanzjament nazzjonali***;	24. Jistieden lill-Kummissjoni ***tidentifika l-aspetti rilevanti fil-liġi*** korporattiva, il-liġi ***tal-insolvenza u d-drittijiet*** tal-proprjetà intellettwali ***tal-Istati Membri li jistgħu jiġu allinjati aħjar b'mod fattibbli fuq terminu medju u jkollhom benefiċċju miżjud ċar f'termini ta' kompetittività***;

Or. en

Emenda 447
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24a. Jirrakkomanda li l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jippubblika b'mod anonimizzat data dettaljata dwar ir-redditi u statistika ewlenija oħra dwar il-fondi appoġġjati mill-FEI; jappella għal żieda fil-baġit tal-FEI ħalli tissaħħaħ l-ekosistema ta' kapital ta' riskju tal-UE, bi qbil mar-rakkomandazzjoni tar-rapport Draghi; jistieden lill-FEI jżid il-proporzjon tal-investimenti tiegħu li għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent u jistabbilixxi u jinforza kundizzjonijiet stretti ta' sostenibbiltà; jitlob lill-FEI jmexxi bl-eżempju u jirrikjedi li l-intermedjarji finanzjarji tiegħu jeżaminaw mill-ġdid u jivverifikaw li d-drittijiet tal-bniedem ikunu rispettati tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom; iħeġġeġ lill-FEI u lill-banek nazzjonali tal-iżvilupp jżidu l-appoġġ finanzjarju lill-istart-ups u lill-iscale-ups, permezz tal-provvista ta' garanziji ta' self u t-tneħħija tar-riskji ta' scale-ups tal-manifattura permezz ta' garanziji tal-manifattura;

Or. en

Emenda 448
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kunsill jipprovdi ċertezza legali, sigurtà u prevedibbiltà lill-aġenti ekonomiċi billi jiżblokka strumenti legali li jistgħu jgħinu biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju fl-Ewropa, jiġifieri fil-qasam tal-politika tat-tassazzjoni (pereżempju l-HOT, il-FASTER jew is-SAFE); jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta d-diversi inizjattivi leġiżlattivi li jistgħu joħolqu piż fuq il-kumpaniji, b'mod partikolari fuq l-SMEs, biex jirtiraw il-proposti;

Or. en

Emenda 449
Pascal Canfin, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rieżami tagħha tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku, tikkunsidra r-rwol strateġiku tal-akkwist pubbliku għall-iżvilupp finanzjarju ta' start-ups u SMEs Ewropej u tqis aħjar il-kriterji relatati mal-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u s-sovranità;

Or. en

Emenda 450
Danuše Nerudová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-għodod ta' monitoraġġ tal-aċċess għall-finanzjament tal-SMEs, inkluż l-iżvilupp ta' indikaturi u dashboards għall-UE kollha biex jiġu traċċati d-distakki fil-finanzjament u jiġi evalwat l-impatt tal-istrumenti finanzjarji;

Or. en

Emenda 451
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 452
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Ifakkar li l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) huwa programm ta' finanzjament Ewropew ġdid u uniku mfassal biex jipprovdi start-ups tat-teknoloġija profonda b'punt uniku ta' servizz għall-finanzi biex jippermettilhom jiżviluppaw l-innovazzjoni tagħhom minn idea bikrija għal prodott kummerċjabbli, kif ukoll biex ikabbru l-kumpanija; jilqa' ż-żieda fl-allokazzjoni tal-baġit tal-EIC, kif ukoll l-kamp ta' applikazzjoni estiż tal-attivitajiet ta' ekwità tiegħu, skont il-proposta għal pjattaforma tat-teknoloġiji strateġiċi għall-Ewropa; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni talloka parti mit-teknoloġiji strateġiċi proposti għall-pjattaforma tal-Ewropa speċifikament għall-SMEs;

Or. en

Emenda 453
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' start-ups u scale-ups fil-programmi ta' finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Fond għall-Kompetittività jappoġġja b'mod ġust il-ħolqien ta' parteċipanti ġodda;

Or. en

Emenda 454
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' finanzjament għal start-ups u scale-ups, inkluż l-akkwist pubbliku u l-għoti ta' għotjiet, self, garanziji, filwaqt li tieħu ħsieb li ma teskludix l-investiment privat; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi bħala klijent ta' tnedija billi tiddedika sehem mill-akkwist tagħha stess għall-iscale-ups Ewropej;

Or. en

Emenda 455
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jinnota bi tħassib il-proposti mressqa biex tiġi stimulata t-titolizzazzjoni billi jittaffew ir-rekwiżiti regolatorji ta'

diliġenza dovuta, kapital u likwidità, li jwasslu għal aktar devjazzjoni mill-qafas ta' Basel III; iwissi li dan jipperikola l-istabbiltà finanzjarja u jamplifika r-riskji sistemiċi, mingħajr ebda valur miżjud għall-ekonomija reali; ifakkar li r-rapport tal-2022 tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) ikkonkluda li "l-kalibrazzjoni mill-ġdid tal-qafas kapitali tat-titolizzazzjoni għall-banek ma tkunx soluzzjoni biex is-suq tat-titolizzazzjoni jingħata nifs ġdid"; jisħaq li l-kriterju ta' omoġeneità huwa ta' importanza kbira biex titolizzazzjoni titqies bħala sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS); ifakkar li l-biċċa l-kbira tat-titolizzazzjoni hija komponenti ta' titoli bbażati fuq self ipotekarju; huwa għalhekk xettiku li t-trawwim tal-iżvilupp tas-suq tat-titolizzazzjoni se jwassal għal żieda fis-self lill-SMEs;

Or. en

Emenda 456
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25e. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi malajr qafas legali armonizzat għall-operazzjonijiet tan-negozji transfruntiera, inklużi l-formazzjoni ta' kumpaniji diġitali, l-insolvenza, ix-xogħol, u l-liġi tat-taxxa biex tistabbilixxi, topera, tikri bejn il-fruntieri u tippermetti espansjoni b'mod aktar faċli bejn il-fruntieri tal-UE; ifakkar lill-Kummissjoni li biex qafas bħal dan ikun ta' suċċess, irid ikun hemm sforz miftiehem u ambizzjuż li jinvolvi mill-qrib lill-partijiet ikkonċernati kollha, speċjalment lill-istart-ups u lill-iscale-ups, kif ukoll lill-Istati Membri, biex iqajmu s-

sensibilizzazzjoni u l-popolarità ta' tali "it-28 Reġim"; jitlob l-implimentazzjoni rapida tiegħu biex jipprovdi alternattiva attraenti, li tiffunzjona tajjeb u aċċettata għax-xenarju regolatorju frammentat attwali; jirrakkomanda li t-28 reġim jagħti prijorità lis-soluzzjonijiet diġitali b'mod awtomatiku, ir-rappurtar ta' darba biss, u l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja għall-innovazzjoni, u jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs, l-iscale-ups, u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja;

Or. en

Emenda 457
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25f. Jenfasizza li ekosistema tal-innovazzjoni aktar integrata, b'networks ta' universitajiet, start-ups, intrapriżi kbar u operaturi fil-kapital ta' riskju, mirfuda minn aċċess għal faċilitajiet tal-ittestjar u infrastruttura teknoloġika, hija strumentali biex tgħin lin-negozji jespandu; jitlob l-armonizzazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati u l-ħolqien ta' Viża Ewropea għall-Istart-Ups biex jiġu attirati u miżmuma innovaturi u professjonisti mhux tal-UE;

Or. en

Emenda 458
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 25g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25g. Jemmen li l-kumpaniji innovattivi jistgħu jibbenefikaw minn sett uniku ta' regoli għall-UE kollha, b'mod speċjali fil-qasam tat-tassazzjoni; ifakkar li l-SMEs jiffaċċjaw sfidi fiskali sinifikanti minħabba regolamenti kumplessi dwar it-taxxa u sistemi tat-taxxa frammentati, li jimponu piżijiet amministrattivi u spejjeż ta' konformità kbar, u dan ixekkel it-tkabbir u l-innovazzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora soluzzjonijiet li jissimplifikaw il-proċeduri tat-taxxa u jnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità filwaqt li tivvaluta għaliex id-direttiva proposta li tistabbilixxi Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali (Head Office Tax System, HOT) għall-SMEs ma ntlaqgħetx b'entużjażmu kbir fil-Kunsill;

Or. en

Emenda 459
Damian Boeselager
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25h. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Or. en